



Il-Gwida Prattika tal-ESQF



Stampat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu



La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li tagħixxi f'isem l-EUAA mhija responsabbli mill-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

Print ISBN 978-92-9400-124-5 doi:10.2847/25867 BZ-09-22-175-MT-C

PDF ISBN 978-92-9400-132-0 doi:10.2847/733111 BZ-09-22-175-MT-N

Ritratti: © L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2022

Ikoni: © Flaticon.com

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali. Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma huwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EUAA, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Il-Gwida Prattika tal-ESQF



Introduzzjoni



Il-Kurrikulu Ewropew fil-Qasam tal-Ażil huwa mfassal speċifikament biex jipprovdi taħriġ vokazzjonali komuni għall-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza li jaħdmu fl-Istati Membri tal-UE. It-taħriġ vokazzjonali jiffaċilita t-tagħlim li huwa meħtieġ biex jitwettaq xogħol b'mod effettiv.

Din id-dikjarazzjoni tqajjem żewġ mistoqsijiet: l-ewwel nett, x'inhuma l-kompiti tax-xogħol tal-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza, u t-tieni nett, x'għandhom bżonn jitgħallmu sabiex ikunu jistgħu jwettquhom? Dawn mhumix mistoqsijiet faċli biex jitwieġbu fil-kuntest tad-diversità (kemm fid-daqs kif ukoll fl-istruttura organizzattiva) tal-organizzazzjonijiet responsabbli għall-ażil u għall-akkoljenza madwar l-Ewropa. Għalhekk...l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)¹ bdiet proċess biex issir taf x'inhuma dawk il-kompiti komuni.

Bl-appoġġ tal-Istati Membri, aħna mmappajna l-kompiti tax-xogħol speċifiċi kollha (imsejħa standards okkupazzjonali) u ddefinixxejna t-tagħlim meħtieġ biex dawn jitwettqu (imsejħa standards edukattivi). Meta jintużaw flimkien, l-istandards okkupazzjonali u l-istandards edukattivi jippermettu l-allinjament tat-tagħlim max-xogħol li għandu jitwettaq. Ir-riżultat huwa l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki Settorjali għall-Uffiċjali tal-Ażil u tal-Akkoljenza (ESQF)², li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-istandards u lejn il-livell ta' kumplessità tagħhom.

L-Istandards Okkupazzjonali għall-Uffiċjali tal-Ażil u tal-Akkoljenza

L-istandards okkupazzjonali jiddeskrivu l-kompiti u l-attivitàjiet professjonali kif ukoll il-kompetenzi tax-xogħol tipiċi ta' impjeg. L-istandards okkupazzjonali jallinjaw mal-ħtiġijiet tat-tagħlim tal-uffiċjal individwali tal-ażil u tal-akkoljenza. Dan jippermetti lill-EUAA tfassal taħriġ rilevanti għall-Istati Membri, u b'hekk tappoġġa lill-uffiċjali tal-ażil fil-ħidma tagħhom ta' kuljum. Għalhekk, dejjem ikun hemm rabta diretta bejn it-taħriġ u l-prestazzjoni tax-xogħol.

L-Istandards Edukattivi għall-Uffiċjali tal-Ażil u tal-Akkoljenza

L-istandards edukattivi huma definiti permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim biex jiġi żgurat li t-taħriġ kollu jkun jista' jiġi marbut mal-prestazzjoni tal-kompiti relatati max-xogħol fil-qasam tal-ażil u tal-akkoljenza. L-istandards edukattivi mhumix differenti ħafna mill-istandards okkupazzjonali iżda, peress li huma eżiti tat-tagħlim, għandhom struttura speċifika. Dawn jibdeu b'verb attiv u għandhom ikunu jistgħu jitkejlu u jindikaw il-kamp ta' applikazzjoni u l-livell ta' kumplessità tat-tagħlim. L-eżiti tat-tagħlim jiddikjaraw xi jkun kiseb student fi tmiem sekwenza ta' tagħlim. Dawn jinfurmaw il-kompiti ta' valutazzjoni sommattiva, filwaqt li jiżguraw li jkun awtentiċi kemm jista' jkun għall-kompiti tax-xogħol.

¹ L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) - Preċedentement l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO)

² ESQF skont l-akronimu Ingliż: European Sectoral Qualifications Framework.



L-ESQF jiżgura taħriġ adattat għall-iskop

L-EUAA qiegħda kontinwament timpenja ruħha biex tiżgura li t-taħriġ li toffri jkun effettiv u rilevanti kemm jista' jkun. Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki Settorjali għall-Uffiċjali tal-Ażil u tal-Akkoljenza jiżgura li t-tagħlim ipprovdut = it-tagħlim meħtieġ għall-uffiċjali biex iwettqu xogħolhom b'mod effettiv.



L-ESQF issa jiffirma l-bażi għall-bini ta' programmi ta' taħriġ iċċertifikati li jwasslu għal kwalifiki għall-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza. L-ESQF jipprovdi l-pedament għall-applikazzjoni ta' approċċ strutturat għat-tfassil u għall-għoti ta' taħriġ adattat għall-iskop. Billi jiddefinixxi l-eżiti tat-tagħlim, dan jippermetti approċċ ibbażat kompletament fuq l-eżiti li jpoġġi lill-istudent fiċ-ċentru tal-vjaġġ ta' tagħlim tiegħu. Għalhekk l-għan tal-ESQF huwa li jidentifika taħriġ rilevanti li jista' jibni perkorsi u programmi ta' tagħlim għall-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza tal-Istati Membri. L-ESQF jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' taħriġ li huwa mmirat lejn il-ħtiġijiet individwali tal-istudenti kif ukoll lejn il-ħtiġijiet speċifiċi tal-organizzazzjoni tagħhom. L-ESQF se jippermetti aktar l-identifikazzjoni ta' oqsma fejn hemm il-ħtieġa għall-iżvilupp ta' taħriġ ġdid.

Din il-gwida prattika għandha l-għan li tispjega x'inhu l-ESQF, kif jintuża mill-EUAA u kif jista' jintuża mill-pajjiżi tal-UE³. Hija maħsuba biex tgħin lill-utenti jifhmu aħjar il-funzjonijiet u l-utilità tagħha bħala għodda prattika li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-eżiti matul iċ-ċiklu tat-taħriġ. Il-gwida tista' tingħana flimkien mal-elementi l-oħra tal-pakkett ta' tagħrif:

- ▶ Il-ktejjeb tal-Mistoqsijiet u tat-Tweġibiet tal-ESQF jispjega l-kunċetti ewlenin tal-qafas
- ▶ Il-Posters jipprovdu tfakkira viżiva dwar kif l-ESQF jista' jintuża matul iċ-ċiklu tat-taħriġ
- ▶ L-użu tal-ktejjeb tal-ESQF fil-prattika jipprovdi sommarju tal-użi prattiċi tal-ESQF.



³ L-użu tat-terminu pajjiżi tal-UE+ huwa maħsub bħala inklużiv għan-Norveġja, għall-Iżvizzera u kwalunkwe Stat ieħor li l-EUAA għandha ftehim miegħu u fejn il-kontenut ta' dan id-dokument huwa rilevanti.

L-istorja wara l-ESQF

L-ewwel pass fl-iżvilupp tal-ESQF kien l-iżvilupp tal-istandards okkupazzjonali. L-istandards okkupazzjonali jistabbilixxu l-għarfien, il-ħiliet, ir-responsabbiltà u l-awtonomija li l-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza jeħtieġu sabiex iwettqu d-dmirijiet u l-kompiti tax-xogħol tagħhom.

Għall-fini tal-istabbiliment tal-istandards okkupazzjonali, l-EUAA, flimkien mal-Grupp ta' Ħidma dwar iċ-Ċertifikazzjoni u l-Akkreditazzjoni (CAWG) u mal-Istati Membri, impenjaw ruħhom f'immappjar estensiv tad-dmirijiet u tal-kompiti tal-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza. Dan l-immappjar witta t-triq għall-istabbiliment tal-istandards okkupazzjonali f'matriċi.

It-tieni pass fl-iżvilupp tal-ESQF kien l-istabbiliment ta' matriċi ta' standards edukattivi bbażata fuq l-istandards okkupazzjonali. Fil-kuntest tal-ESQF, eżitu tat-tagħlim għall-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza jissejjaħ standard edukattiv. L-eżiti tat-tagħlim huma dikjarazzjonijiet ta' dak li student huwa mistenni li jkun jaf, jifhem u jkun kapaċi jagħmel fi tmiem sekwenza ta' tagħlim. L-eżiti tat-tagħlim, għall-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza, huma rilevanti biss jekk ikunu jistgħu jiġu marbuta ma' u jkunu utli għat-twettiq tal-kompiti relatati max-xogħol. Sabiex jiġu koperti l-oqsma kollha tas-settur, is-CAWG kien appoġġat minn grupp ad hoc min-*Network* ta' Akkoljenza kif ukoll minn esperti fis-COI u fir-Risistemazzjoni biex jiġi żgurat li l-ESQF ikun komprensiv u rappreżentattiv.

Aktar ħidma ffukat fuq l-allinjament bejn l-istandards okkupazzjonali u l-istandards edukattivi sabiex jinħolqu eżiti tat-tagħlim validi li jirriflettu l-livell xieraq ta' kumplessità tal-kompiti.

Fl-aħħar stadju, l-istandards okkupazzjonali u edukattivi ġew invalidati mill-Istati Membri u rieżaminati minn Grupp ta' Referenza magħmul mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR), mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), u mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA).

Nixtiequ nirrikonoxxu wkoll il-kontribut imprezzabbli minn esperti minn aġenziji oħra bħaċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop).



L-ESQF u l-Assigurazzjoni tal-Kwalità

L-EUAA ilha timplimenta miżuri robusti biex tiżgura l-kwalità tat-taħriġ bil-għan li t-taħriġ tagħha jiġi akkreditat. Wieħed mir-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni huwa li l-programmi ta' tagħlim huma referenzjati ma' qafas tal-kwalifiki biex jiġi ddeterminat il-livell ta' tagħlim. Il-proċess ta' referenzjar iseħħ billi jitqabblu l-eżiti tat-tagħlim ta' modulu jew ta' programm mal-livelli definiti fil-qafas tal-kwalifiki. Ir-referenzjar huwa essenzjali biex jippermetti l-mobbiltà tat-tagħlim, għalhekk, pereżempju, kwalifika miksuba fil-Belġju tkun tista' tinftiehem bis-sħiħ u titqabbel ma' kwalifiki fil-Finlandja jew fi kwalunkwe post ieħor fl-Ewropa.

Minħabba li l-EUAA hija organizzazzjoni Ewropea aktar milli waħda nazzjonali (u għalhekk ma hemm l-ebda Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki li ssir referenza għalih), hi żviluppat l-ESQF u allinjatu mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK). Għalkemm il-QEK jaġixxi bħala mezz biex jitqabblu l-Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki (QNK) u l-SQFs Ewropej, l-ebda taħriġ mhu referenzjat direttament mal-QEK. Madankollu, jista' jintuża bħala gwida soda biex jiġi stabbilit il-livell ta' kumplessità tat-taħriġ. Dan huwa pass inizjali, iżda rekwiżit vitali għal akkreditazzjoni futura.

lĊ-Ċentru ta' Taħriġ u Żvilupp Professjonali tal-EUAA żviluppa Qafas ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità tat-Taħriġ allinjat mal-Istandards u Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (ESGQA) tal-2015. Dawn il-linji gwida jistgħu jiġu applikati għall-edukazzjoni għolja kollha, irrispettivament mill-mod ta' studju jew il-post ta' twettiq, li jagħmilhom partikolarment applikabbli għall-għoti transnazzjonali u transfruntier tal-edukazzjoni.

B'mod ġenerali, l-edukazzjoni għolja għandha l-għan li tissodisfa diversi skopijiet; pereżempju, it-tnejn tal-istudenti għaċ-ċittadinanza attiva, il-kontribut għall-impjegabbiltà tagħhom u l-appoġġ għall-iżvilupp personali. Jista' jkun ta' sfida għall-istituzzjonijiet edukattivi li juru li kisbu dawn l-iskopijiet maħsuba għal ċertu livell ta' kwalità. L-ESGQA jirrikonoxxi li l-proċess tal-assigurazzjoni tal-kwalità għandu jkun adattat għall-fini tal-istituzzjoni.

L-ESGQA jintuża mill-istituzzjonijiet u mill-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità bħala dokument ta' referenza għas-sistemi ta' assurazzjoni tal-kwalità interni u esterni fl-edukazzjoni għolja. Barra minn hekk, dan jintuża mir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità (EQAR), li huwa responsabbli għar-reġistru tal-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità li jistgħu jivverifikaw il-konformità mal-ESGQA. It-taħriġ tal-EUAA jrid jikkonforma mal-istandards tal-ESGQA jekk jixtieq jilħaq l-għan li jsir istituzzjoni akkreditata tat-tagħlim.

Id-dispożizzjonijiet fl-ESGQA jirriflettu l-linji gwida tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-edukazzjoni u għat-taħriġ vokazzjonali fl-Ewropa kif definiti miċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), li kienu materjal ta' referenza essenzjali għall-bini tal-ESQF.

F'dan il-kuntest, l-ESQF isir aktar minn qafas tal-kwalifiki li jaġixxi biex jiddetermina l-livell tal-kwalifiki. Hu jsir il-qalba tal-kwalità tal-EUAA. Hu jiddefinixxi l-għan tal-attivitàjiet ta' tagħlim u ta' taħriġ tal-EUAA. Dan l-għan jaġixxi wkoll biex jiggwida u jassisti fid-definizzjoni ta' xiex, għaliex u kif jingħata t-taħriġ u jiġi ffaċilitat it-tagħlim.

Hekk kif l-EUAA timxi biex issir fornitur ta' taħriġ akkreditat u ta' kwalifiki, hija ispirata mill-etos tal-proċessi ta' Bolonja u ta' Copenhagen u tal-QEK, jiġifieri li t-tagħlim għandu jiġi rikonoxxut b'mod li jtejjeb il-mobbiltà tal-istudent. Dan huwa possibbli biss jekk it-tagħlim tagħhom jiġi rikonoxxut u vvalorizzat bl-istess mod madwar l-UE. In-nuqqas ta' kwalifiki mmirati speċifikament lejn l-ażil u l-akkoljenza joħloq nuqqas ta' opportunitajiet ta' rikonoxximent li jeħtieġu l-miżuri ta' solidarjetà tal-UE.

L-Istruttura tal-ESQF




Il-pakkett tal-ESQF huwa ppreżentat f'żewġ tabelli korrispondenti. L-ewwel tabella fiha l-istandards okkupazzjonali, li jiddeskrivu, f'livell għoli, il-kompiti kollha tax-xogħol tal-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza. Kull komputu speċifiku tal-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza jaqa' taħt wieħed mill-istandards okkupazzjonali.

It-tieni tabella tippreżenta l-istandards edukattivi, li huma l-eżiti tat-tagħlim fil-livell ta' "kwalifika" li jallinjaw mal-QEK. L-eżiti kollha tat-tagħlim li jwasslu għal livell tal-kwalifika, se jkunu relatati ma' wieħed mill-istandards edukattivi.

L-istandards okkupazzjonali tal-ESQF jiddefinixxu tliet livelli ta' kumplessità mmarkati bħala A, B u C, bis-C li jkun l-aktar wieħed kumpless. Għal kull livell ta' kumplessità, l-istandards huma kkategorizzati bħala "għarfien ta'", "ħila biex" u "jgħid responsabbiltà biex" peress li huma applikabbli għall-kompiti tax-xogħol tal-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza. Ir-ringieli fit-tabella jirrappreżentaw il-qasam ta' kompetenza (jew tema/suġġett) tal-kompitu tax-xogħol.

L-oqsma ta' kompetenza huma maqsuma fi tliet taqsimiet: kompetenzi ġeneriċi tal-ażil u tal-akkoljenza, kompetenzi speċifiċi tal-ażil u tal-akkoljenza u kompetenzi ta' superviżjoni u ta' ġestjoni. Din l-istruttura għet imfassla biex tiżgura li ma kienx hemm standards li jikkoinċidu. Il-kompetenzi ġeneriċi tal-ażil u tal-akkoljenza huma kompetenzi ġenerali li japplikaw għal ħafna kompiti tax-xogħol bħall-kompetenza ġenerika "Liġi, Politika u Proċeduri" peress li, fl-oqsma tal-ażil u tal-akkoljenza, prattikament kull komputu għandu liġi, politika



Hemm kontroreferenza kostanti biex jiġi żgurat l-allinjament tal-eżiti tat-tagħlim mal-istandards okkupazzjonali. It-tagħlim definit irid dejjem jippermetti t-twettiq tal-kompitu tax-xogħol.



jew proċedura assoċjati. Kif imsemmi hawn fuq, il-kompetenzi ta' superviżjoni u ta' ġestjoni huma separati minħabba li, għalkemm jistgħu ma jkunux speċifiċi għas-settur, il-mod kif jiġu applikati l-kompetenzi huwa speċifiku għas-settur.

Meta ma jkun hemm l-ebda kompitu tax-xogħol għall-uffiċjali tal-ażil jew tal-akkoljenza applikabbli għall-qasam ta' kompetenza, il-kaxxi fit-tabella jitħallew vojta apposta.

L-istandards edukattivi tal-ESQF jiddefinixxu tliet livelli ta' kumplessità tat-tagħlim, li jikkorrispondu għal-livelli 4/5, il-livell 6 u l-livell 7 tal-QEK. F'kull livell, it-tipi ta' tagħlim ta' għarfien, ħiliet u responsabbiltà/awtonomija (R/A) huma definiti bl-eżiti tat-tagħlim, fejn huma meħtieġa biex jissodisfaw l-istandards edukattivi.

Kull ringiela fit-tabelli għandha numru ta' referenza u kull kaxxa fit-tabella għandha ittra ta' referenza sabiex tiffaċilita kontroreferenza faċli bejn il-matriċijiet u bejn id-dokumenti ta' taħriġ u l-ESQF.

L-Użu tal-ESQF għall-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani

Filwaqt li l-ESQF kien primarjament imfassal għall-applikazzjoni fl-ambjent tat-taħriġ, id-definizzjoni ta' standards okkupazzjonali u edukattivi għandha valur sinifikanti għall-funzjonijiet tar-Riżorsi Umani. Ir-relazzjoni mill-qrib bejn ir-reklutaġġ/l-għażla u t-taħriġ inizjali, kif ukoll il-progress/il-promozzjoni u l-iżvilupp professjonali jagħmlu l-ESQF għodda siewja għall-ġestjoni tar-riżorsi umani.

L-istandards okkupazzjonali u, b'mod partikolari, l-istandards "jieħdu responsabbiltà biex...", iwasslu għad-definizzjoni tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet tal-persunal li jistgħu jinfurmaw id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-ġestjoni tar-riżorsi umani. Barra minn hekk, definizzjonijiet bħal dawn jippermettu lill-persunal jinvolvi ruħu b'mod attiv fl-iżvilupp tiegħu stess biex jaħdem lejn għanijiet ta' żvilupp professjonali personali fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja.

Kif tuża l-ESQF fiċ-Ċiklu tat-Taħriġ



Il-ċiklu tat-taħriġ, jiġifieri, l-analiżi tal-ħtiġijiet, it-tfassil/l-iżvilupp, l-implementazzjoni u l-evalwazzjoni, jippreżenta struttura utli biex tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni tal-pakkett tal-ESQF għall-EUAA u għall-pajjiżi tal-UE+.

Analiżi tal-ħtiġijiet tat-Taħriġ

L-ESQF jista' jintuża għall-analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ tiegħek. Hemm firxa ta' mudelli disponibbli għat-tweġiq tal-analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ (TNAs). Il-metodoloġija tat-TNA tista' tiffoka fuq il-livelli ta' kompitu, individwali jew organizzattivi. L-utilità tal-ESQF għat-TNAs fil-livelli ta' kompitu u individwali hija relattivament sempliċi, iżda l-ESQF huwa partikolarment pertinenti biex jiggwida TNA fil-livell organizzattiv.

L-Analiżi tal-ħtiġijiet tat-Taħriġ fil-livell ta' kompitu

Analiżi fil-livell ta' kompitu tiffoka fuq it-tqabbil ta' "għarfien ta'" u ta' "ħila biex" eżistenti mal-għarfien u mal-ħiliet meħtieġa identifikati għal kompiti speċifiċi.

Jeżistu metodi varji b'elementi komuni ta':

- ▶ Il-kejl tal-għarfien u tal-ħiliet eżistenti tal-persunal u l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet fl-għarfien u fil-ħiliet tal-persunal li jeħtieġ li jimtlew permezz tat-taħriġ

- ▶ L-immappjar tal-kurrikulu tat-taħriġ eżistenti
- ▶ L-ippjanar tat-twassil jew tat-tfassil tat-taħriġ biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati

Il-komponent kritiku tal-metodu huwa kif jitkejlu b'mod sinifikanti l-għarfien u l-ħiliet eżistenti meta mqabbla mal-ħtiġijiet. L-ESQF jipprovdi l-informazzjoni ewlenija biex titwettag TNA fil-livell ta' kompitu, peress li l-istandards okkupazzjonali jiġu organizzati madwar u jiddefinixxu l-kompiti rilevanti għall-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza u l-istandards edukattivi jistgħu jiggwidaw l-għażla tat-taħriġ.

L-Analiżi tal-ħtiġijiet tat-Taħriġ fil-livell individwali

TNA personali tiffoka fuq l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tat-tagħlim/tat-taħriġ fil-livell individwali fil-kuntest ta' implimentazzjoni eżistenti u futura. L-istruttura tal-valutazzjoni tibbaża fuq l-istandards okkupazzjonali biex tistabbilixxi l-ħtiġijiet tat-tagħlim u biex tiggwida d-deċiżjonijiet dwar it-tip ta' tagħlim meħtieġ fuq livell individwali biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-individwu. Jekk jiġu identifikati ħtiġijiet simili għal diversi membri





tal-persunal, din l-informazzjoni tista' mbagħad tintuża biex jiġi ddeterminat it-taħriġ tal-persunal jew il-programmi ta' tagħlim kif meħtieġ.

L-ESQF jista' jintuża mill-pajjiżi tal-UE+ biex iwettqu t-TNA tagħhom stess fil-livell individwali sabiex jinfurmaw l-istrateġiji u l-ġestjoni tat-taħriġ. L-Għodda għall-Analiżi tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ tal-EUAA (ETNAT) tista' tgħin ħafna lill-Istati Membri fit-tweġġ tat-TNA fuq il-livell individwali.

Ir-rispons għal ħtiġijiet tat-taħriġ aktar varjati

Aċċess usa' għall-edukazzjoni kkontribwixxa għal aktar esperjenzi varjati ta' studenti individwali. Ir-rispons għad-diversità u għall-aspettattivi li dejjem jikbru għandhom jiġu appoġġati minn approċċ aktar iffukat fuq l-istudent għat-tagħlim u għat-taħriġ, li jħaddan perkorsi ta' tagħlim flessibbli u li jirrikonoxxi l-kompetenzi miksuba barra mill-kurrikuli formali (ESGQA). L-ESQF jista' jintuża biex jimmappja t-tagħlim informali u t-tagħlim ibbażat fuq l-esperjenza u biex jippermetti lill-istudenti "jpoġġu lilhom infushom" sabiex isibu perkors ta' tagħlim adattat.

L-Analiżi tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ fil-livell organizzattiv

Analiżi tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ fil-livell organizzattiv tiffoka fuq kif jistgħu jinkisbu aħjar l-għanijiet organizzattivi u jiġu implimentati l-mandati. Din tħares lejn il-koerenza tal-istrateġija u tal-pjanijiet tal-organizzazzjoni kontra l-istrateġija tat-taħriġ u l-pjanijiet ta' taħriġ futuri. L-Istati Membri jistgħu jiġu appoġġati mill-ESQF biex jallinjaw l-istrateġija u l-pjanijiet tal-organizzazzjoni tagħhom mal-istrateġija ta' taħriġ tagħhom. Fl-istess spirtu tal-implimentazzjoni armonizzata tas-SEKA, jekk l-Istati Membri jużaw l-istess standards Ewropej (standards okkupazzjonali u standards edukattivi) bħal Stati Membri oħra, dan se jikkontribwixxi għal aktar konverġenza fost l-Istati Membri fil-prattika tal-ażil u tal-akkoljenza, peress li dawn se jkunu qed ikeġġu l-eżiti skont l-istess standards.

L-Istati Membri jistgħu jużaw l-ESQF meta jwettqu TNA nazzjonali, inkluż il-bini tal-perkorsi ta' tagħlim u l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet fit-taħriġ fejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali jistgħu jkunu jridu jiżviluppaw it-taħriġ tagħhom stess. L-ESQF jista' jappoġġa wkoll l-allinjament tas-sistemi ta' taħriġ nazzjonali fis-settur tal-ażil u tal-akkoljenza mal-QNK. Dan se jiżgura l-kwalità tas-sistemi ta' taħriġ nazzjonali. Bl-istess mod li l-ESQF huwa fil-qalba tal-qafas ta' kwalità tal-EUAA, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-definizzjoni tal-istandards okkupazzjonali, u t-tagħlim meħtieġ biex jiksibuhom, biex jinfurmaw l-istrateġiji ta' taħriġ tagħhom. Peress li l-ESQF jiddefinixxi l-iskop tat-taħriġ tal-EUAA, dan jista' jintuża wkoll mill-Istati Membri biex jivverifikaw li l-attivitajiet ta' tagħlim u taħriġ tagħhom huma adattati għall-iskop. L-ESQF jista' jiġġwida u jassisti fid-definizzjoni ta' xiex, għaliex u kif jitwassal it-taħriġ u jiġi ffaċilitat it-tagħlim fil-livell nazzjonali.

L-Analiżi tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ fil-livell Ewropew

L-ESQF jista' tgħin biex jiġu identifikati ħtiġijiet tat-taħriġ li mhumiex fattibbli biex jitwettqu fil-livell nazzjonali minħabba n-numru żgħir ta' studenti potenzjali. L-għoti tat-taħriġ fil-livell Ewropew (eż. direttament mill-ħarrieġa tal-EUAA) jista' għalhekk ikun ġustifikat. L-ESQF se jiġġwida lill-EUAA fl-iżvilupp tat-taħriġ bl-aktar mod effettiv, filwaqt li jiżgura l-utilità għal numru kbir ta' uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza. Is-sinerġiji tat-taħriġ mal-istrateġiji tat-taħriġ ta' aġenziji oħra tal-UE jistgħu jiġu esplorati wkoll meta jiġi identifikat li l-istandards okkupazzjonali huma simili.

L-Għodda għall-Analiżi tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ tal-EUAA (ETNAT) – applikazzjoni Prattika tal-ESQF

L-EUAA qed tiżviluppa l-Għodda għall-Analiżi tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ tal-EUAA (ETNAT), li tibni fuq l-ESQF, biex tipproponi taħriġ li huwa mmirat lejn il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri.

L-użu ta' din l-għodda

- 1.** L-utenti jidentifikaw id-dmirijiet u l-kompiti tagħhom minn lista komprensiva derivata mill-ESQF.
- 2.** Id-dmirijiet u l-kompiti magħżula jingħataw “punteġġ” fuq skala mobbli skont il-frekwenza u r-rilevanza.
- 3.** L-għodda tqabbel id-dmirijiet u l-kompiti magħżula mal-eżiti tat-tagħlim għall-moduli tal-KEA u tipprovdi lista ta' moduli ssuġġeriti. Il-moduli jiġu kklassifikati f'ordni ta' importanza skont il-frekwenza u r-rilevanza indikati.
- 4.** L-utent jista' jara kemm mill-eżiti tat-tagħlim għal kull modulu ssuġġerit kienu jaqblu mad-dmirijiet u mal-kompiti inizjali.
- 5.** Ħolqiet għal informazzjoni aktar dettaljata dwar il-moduli huma pprovduti. Din l-informazzjoni tinkludi opportunitajiet għar-rikonnoxximent ta' tagħlim preċedenti.
- 6.** L-utent jista' jissejvja r-riżultati ta' diversi tfittxijiet (verżjoni li tista' tiġi stampata hija disponibbli).
- 7.** Abbażi tar-riżultati, l-utent jista' jagħmel talba biex jirreġistra għal modulu speċifiku u jippjana programmi ta' taħriġ futuri.



Utenti fil-mira

L-għodda tista' tintuża minn:



- Persunal tar-riżorsi umani fl-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-ażil u tal-akkoljenza, f'isem l-uffiċjali tagħhom, speċjalment meta jkunu jixtiequ jiżviluppaw pakketti komprensivi ta' taħriġ, jew jimmappjaw u jikkategorizzaw il-kompiti tal-uffiċjali tagħhom.
- Uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza biex jidentifikaw l-aktar perkors ta' tagħlim xieraq għalihom, sabiex jidentifikaw il-ħtiġijiet tat-taħriġ għall-iżvilupp professjonali tagħhom stess jew biex jitolbu taħriġ meta jinbidlu d-dmirijiet u l-kompiti tagħhom.
- Maniġers li jixtiequ jwettqu analiżi bir-reqqa u dettaljata tal-ħtiġijiet tat-taħriġ u jimplimentaw it-taħriġ xieraq.

L-identifikazzjoni ta' nuqqa-sijiet fl-offerta ta' taħriġ



- Billi jużaw l-għodda, l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri jistgħu jidentifikaw it-taħriġ eżatt li l-uffiċjali tagħhom għandhom jirċievu sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effiċjenti u f'konformità mal-implimentazzjoni tas-SEKA.
- L-għodda se tipprovdi komunikazzjoni aktar simplifikata bejn l-EUAA u l-Istati Membri peress li se tippermetti lill-uffiċjali u lill-amministrazzjonijiet tagħhom jidentifikaw il-ħtiġijiet tat-taħriġ tagħhom b'mod simili u konsistenti u jikkomunikawhom lill-EUAA, biex b'hekk ikun hemm aktar effiċjenza.
- Jekk jidentifikaw oqsma fejn ma jkun propost l-ebda taħriġ xieraq u jista' jiġi stabbilit li n-nuqqas fit-taħriġ għandu jiġi indirizzat, l-EUAA jew l-amministrazzjoni nazzjonali se jkunu jistgħu jfasslu t-taħriġ kif xieraq.
- Barra minn hekk, l-għodda tista' tiġi kkombinata u tiffirma parti minn metodu ta' analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ aktar komprensiv.
- L-ETNAT toffri l-opportunità lill-amministrazzjonijiet tal-ażil u tal-akkoljenza tal-Istati Membri biex jimmappjaw il-kompiti tal-uffiċjali tagħhom stess u jqabblu kif dawn jorbtu mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki Settorjali għall-uffiċjali tal-Ażil u tal-Akkoljenza akbar.



It-Tfassil u l-Iżvilupp tat-Taħriġ

L-ESQF diġà huwa għodda essenzjali li tintuża fit-tfassil u fl-iżvilupp tat-taħriġ u tal-programmi ta' tagħlim tal-EUAA. Madankollu, għe żviluppat flimkien mal-Istati Membri bl-intenzjoni li jista' jintuża wkoll mill-Istati Membri biex ifasslu u jiżviluppaw it-taħriġ tagħhom stess. Għalhekk, dawn kollha li għejjin jistgħu jiġu applikati fil-kuntest nazzjonali.

It-tfassil tat-taħriġ bħala approċċ minn isfel għal fuq


It-taħriġ vokazzjonali huwa mfassal biex jissodisfa l-ħtiġijiet okkupazzjonali, kemm dawk tal-impjegaturi kif ukoll tal-impjegati hekk kif jipplanaw il-perkors tal-iżvilupp professjonali futur tagħhom. L-ESQF jiggwida l-proċess ta' tfassil tat-taħriġ billi jiżgura li dan isir fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja.

L-istrateġija ta' taħriġ tal-EUAA, konsistenti mal-proċessi ta' Bolonja u Copenhagen, tiddikjara li t-taħriġ kollu se jkun iffukat fuq l-istudent u ddefinit mill-eżiti tat-tagħlim, li huwa wkoll kriterju ewlieni tal-akkreditazzjoni. L-ESGQA jiddikjara li

l-programmi huma mfassla b'objettivi ġenerali tal-programm li huma konformi mal-istrateġija istituzzjonali u li għandhom eżiti tat-tagħlim intenzjonati espliċiti. L-istandards jiddikjaraw ukoll b'mod ċar li kwalifika li tirriżulta minn programm għandha tiġi speċifikata u kkomunikata b'mod ċar, u għandha tirreferi għall-livell korrett ta' tagħlim. L-EUAA ddeterminat il-livelli tal-ESQF permezz ta' referenzjar mill-qrib mal-QEK. L-Istati Membri jistgħu wkoll jallinjaw it-taħriġ tagħhom mal-ESQF (u b'hekk il-QEK) u għalhekk jiffaċilitaw l-allinjament mal-QNK tagħhom.

Kif deskritt hawn fuq, l-ESQF jinsab f'"livell ta' kwalifika"; il-livell mistenni li jintlaħaq wara programm ta' studju akkreditat. It-tul minimu tal-programmi akkreditati jvarja fl-UE, b'xi pajjiżi li jakkreditaw programmi 30 ECTS⁴ (minimu ta' 600 siegħa ta' tagħlim) u oħrajn li jinsistu fuq programmi ta' 60 ECTS. B'riżultat ta' dan, l-eżiti tat-tagħlim fil-livell ta' kwalifika jammontaw għal ammont sinifikanti ta' tagħlim. Huwa probabbli ħafna li l-moduli jew il-korsijiet ta' taħriġ individwali ma jkunux imfassla biex jiksibu standard edukattiv sħiħ kif deskritt fl-ESQF, iżda parti minnu. L-eżitu tat-tagħlim assoċjat sussegwenti se jirrifletti wkoll porzjon definit b'mod ċar tal-istandards edukattivi fl-ESQF.

⁴ Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS)



Id-definizzjoni tal-eżiti u tal-livell tal-modulu tat-tagħlim

L-eżiti tal-modulu tat-tagħlim huma analiżi tal-eżiti tat-tagħlim għoli (standards edukattivi) li ġew żviluppati biex jirriflettu firxa ta' sottokompiti, li huma koperti minn standards okkupazzjonali ġenerali. Dawn is-sottokompiti jistgħu ma jkunux viżibbli fl-ESQF, iżda jkunu ġew identifikati bir-reqqa mill-EUAA u mill-Istati Membri. Huma ġew integrati fl-Għodda għall-Analiżi tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ tal-EUAA (ara hawn fuq). Huwa mistenni li, maż-żmien, student se jkun jista' jistudja serje ta' moduli li jiffurmaw programm u jikseb bis-siġh l-eżiti tat-tagħlim allinjati fil-livell tal-ESQF.

Fejn jiġi definit eżitu tat-tagħlim, huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat il-livell tiegħu. Dan jinkiseb billi l-eżitu tat-tagħlim jitqabbel mal-istandards edukattivi fl-istess qasam ta' tagħlim tal-ESQF. Jekk jiġi mfassal eżitu tat-tagħlim biex l-istudenti jitħejjew biex iwettqu standard okkupazzjonali fil-livell B, dan għandu jitqabbel mal-istandards edukattivi assoċjati fil-livell 6. Jekk l-eżitu tat-tagħlim ikun aktar kumpless mill-istandard edukattiv tal-Livell 5 tal-ESQF, mela għandu jiġi identifikat bħala livell 6. Jekk l-eżitu tat-tagħlim ikun inqas kumpless jew ikun indaqs fil-kumplessità għall-istandard edukattiv tal-Livell 5 tal-ESQF, mela għandu jiġi identifikat bħala livell 5. Hawnhekk għandu jerġa' jiġi nnutat li l-kumplessità ma tiġix iddeterminata mit-tip ta' tagħlim (għarfien / ħila / RA) peress li dawn huma indaqs, iżda mill-wisa'/mill-firxa u mill-profondità tat-tagħlim. Għalhekk, modulu jista' jkollu ċerti eżiti tat-tagħlim li għandhom livell oġġla jew aktar baxx mil-livell iddikjarat għall-modulu, iżda l-livell ġenerali se jiġi kkalkulat mil-livell li fih isir il-biċċa l-kbira tat-tagħlim.

Wara l-abbozzar tal-eżiti tat-tagħlim, u qabel ma jiġu ffinalizzati, għandhom jifasslu l-valutazzjoni formali u l-linji gwida tal-immarrar biex jiżguraw li l-eżiti tat-tagħlim iddikjarati jkunu jistgħu jiġu vwalutati b'mod ġust u robust. Meta jiġi kkunsidrat it-tip tal-valutazzjonijiet, dawk li jfasslu t-taħriġ għandhom jerġgħu lura għall-kompiti tax-xogħol li jirriżultaw mill-ESQF biex ifasslu valutazzjonijiet li jkunu awtentiċi kemm jista' jkun (sakemm ikunu prattikabbli) għall-kompitu okkupazzjonali. Jekk il-kompitu tax-xogħol ikun li jinkiteb rapport, allura l-valutazzjoni għandha tkun rapport, mhux komponiment. Jekk il-kompitu tax-xogħol ikun li jiġu rikonoxxuti indikaturi tal-vulnerabbiltà, allura l-valutazzjoni għandha tirrikjedi l-istess azzjoni. Ta' spiss, ambjent ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol ikun il-kuntest ideali biex jiġu vwalutati l-ħiliet prattiċi u/jew li jkun inkiseb il-livell meħtieġ ta' responsabbiltà u awtonomija.

L-iżvilupp tat-Taħriġ

Mal-konklużjoni tat-tfassil tat-taħriġ, jiġifieri d-definizzjoni tal-kompiti tax-xogħol, l-eżiti tat-tagħlim, l-istrateġiji tal-valutazzjoni u tat-tagħlim, il-kampjuni tal-valutazzjonijiet u l-kriterji tal-immarrar, jibda l-iżvilupp tat-taħriġ.

Il-kompitu tal-iżvilupp tat-taħriġ huwa li jfassal l-attivitajiet tat-tagħlim li se jiffaċilitaw il-vjaġġ tal-istudent mir-rekwiżiti tad-dħul sal-eżiti tat-tagħlim b'tali mod li għandhom ikunu f'pożizzjoni ta' tħejjija għall-valutazzjoni formali.

L-isfida tal-iżvilupp tat-taħriġ hija li jiġi żgurat li l-attivitajiet tat-tagħlim ikunu direttament relatati mal-eżiti tat-tagħlim u mal-valutazzjonijiet imfassla fil-proċess tat-tfassil u li ma jinterferixx ma' kontenut ta' tagħlim ieħor. It-taħriġ huwa riżorsa prezzjuża u għalja għall-organizzazzjonijiet kollha, għalhekk huwa importanti li jkun immirat biex jikseb it-tagħlim speċifiku kif definit u meħtieġ. L-ESQF jista' jgħin ħafna f'dan ir-rigward.

L-ESQF jiddelineja t-tagħlim meħtieġ għall-kompiti skont il-kategorija, il-livell ta' kumplessità u skont it-tip ta' tagħlim. Il-kompiti tax-xogħol li t-taħriġ ġie mfassal għalihom u l-eżiti tat-tagħlim korrispondenti fit-tfassil tal-kors se jiġu infurmati mill-kompetenzi speċifiċi tax-xogħol (Standards Okkupazzjonali) u mill-eżiti tat-tagħlim fil-livell ta' kwalifika (Standards Edukattivi) fl-ESQF. L-iżviluppatur tal-modulu għandu jkun familjari mal-istruttura u l-kontenut tal-ESQF kollu u, b'mod partikolari, l-oqsma kollha ta' tagħlim relatati mill-qrib mas-suġġett li qed jiġi żviluppat sabiex jiġi żgurat li jkun familjari mal-limiti tal-modulu. Dawn il-limiti ma jestendux biss għall-qasam jew għas-suġġett, iżda wkoll għat-tip ta' tagħlim u għal-livell ta' kumplessità tat-tagħlim.

L-evitar tat-trikkib

Żball komuni huwa li jiġi żviluppat kontenut ta' taħriġ supplimentari biex "jiġi rivedut" kontenut minn oqsma oħra. Jekk dan il-kontenut diġà jeżisti f'moduli ta' taħriġ oħrajn, allura jkun aktar effiċjenti li jiġi vverifikat jekk l-istudent jistax juri li kiseb dan l-għarfien jew dawn il-ħiliet prerekwiżiti billi juri li temm b'suċċess it-taħriġ jew permezz tar-rikonoxximent ta' tagħlim preċedenti. L-iżviluppatur għandu jagħmel referenza xierqa għall-materjal eżistenti mingħajr ma jirrepetih. Bl-istess mod, l-iżviluppatur għandu jindika l-fatt li kontenut aktar avanzat huwa lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-modulu attwali.

Huwa importanti li l-iżviluppaturi tal-kontenut jirrieżaminaw il-livell ta' kumplessità tal-eżiti tat-tagħlim tal-modulu li jkun qed jiġi żviluppata u li jipproponu l-kontenut fil-livell definit. L-iżviluppaturi għandhom jikkonsultaw l-ESQF u jkunu ċari dwar il-livell ta' kumplessità 'l fuq u 'l isfel mill-eżiti definiti tal-modulu biex jiżguraw li l-kontenut li jkun sempliċi wisq u lanqas kumpless wisq.

L-iżvilupp tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol huwa kemxejn differenti mill-iżvilupp tat-tagħlim online jew wiċċ imb wiċċ. Madankollu, dan għadu jiddependi milli jkun speċifikament relatat mal-kompiti tax-xogħol u mal-eżiti tat-tagħlim speċifiċi kif definiti matul il-proċess tat-tfassil tat-taħriġ. It-tagħlim akkreditat ibbażat fuq ix-xogħol għadu jeħtieġ kurrikulu ta' attivitajiet ta' tagħlim li jitwettqu fuq il-post tax-xogħol. L-istudenti għandhom jiġu pprovduti b'għodod u b'appoġġ biex jimmonitorjaw u jirriflett fuq il-proċess ta' tagħlim tagħhom li speċifikament iwassluhom għall-kisba tal-eżiti tat-tagħlim u għal valutazzjoni kumulattiva.

Il-kompiti kollha ta' valutazzjoni (kemm formattivi kif ukoll kumulattivi) għandhom ikopru l-kontenut kollu tat-tagħlim, ikunu awtentiċi għall-kompitu tax-xogħol u jipproponu l-livell ta' kumplessità indikat fl-eżiti tat-tagħlim għall-valutazzjoni. L-ESQF jista' jkun utli għall-kontrolli referenzjar biex tiġi żgurata l-awtentiċità tal-valutazzjoni.

L-Implimentazzjoni/ It-Twettiq

L-ESQF jista' jkollu rwol importanti fl-implimentazzjoni tat-taħriġ peress li jista' jgħin biex itejjeb it-twettiq billi jgħaqqad l-attivitajiet mal-kompiti speċifiċi mwettqa f'kuntest nazzjonali sabiex it-taħriġ isir verament vokazzjonali u rilevanti għall-istudent.

L-ESQF bħala għodda għall-ħarrieġa

Huwa r-rwol tal-ħarrieġ li jħeġġeġ sens ta' awtonomija fl-istudent, filwaqt li jiżgura gwida u appoġġ adegwati biex jinkisbu l-eżiti tat-tagħlim iddikjarati. Il-ħarrieġ, bħal dawk li jfasslu u l-iżviluppaturi, għandu jkollu idea ċara għall-tal-limiti tal-moduli li jwassal. Il-ħarrieġ għandu jkun konxju ta':

- L-għarfien u l-ħiliet preeżistenti mistennija tal-istudenti, kif definiti mir-rekwiżiti tad-dħul u mill-eżiti tat-tagħlim fi kwalunkwe tagħlim prerekwiżit. L-istandards edukattivi jagħtu stampa ġenerali tajba;
- Il-kompiti tax-xogħol speċifiċi li l-istudent huwa mistenni li jwettaq mat-tlestija b'suċċess tat-tagħlim. Dan jista' jiġi infurmat mill-istandards okkupazzjonali;

L-ESQF BĦALA GĦODDA GĦALL-ISTUDENTI

L-istudenti jinsabu fiċ-ċentru tal-ESQF u jistgħu jużawh ukoll. L-aċċess dirett għall-ESQF jippermetti lill-istudent jirrifletti fuq it-tagħlim kollu li jkun diġà kiseb permezz ta' rotot mhux formali u informali matul il-karriera tiegħu. Din it-tip ta' informazzjoni tista' tispira lill-istudenti biex jinvolvu ruħhom f'aktar tagħlim u biex jieħdu r-responsabbiltà individwali għall-iżvilupp tat-tagħlim tagħhom. Dan huwa eżattament dak li huwa preskritt fl-ESGQA u bl-istess mod jirfed l-ESQF. Huma jistgħu jikkonsultaw ukoll il-Katalogu tal-Kurrikulu Ewropew fil-Qasam tal-Ażil, li jipprovdi ħarsa ġenerali tal-moduli kollha li tipprovdi l-EUAA, biex isibu taħriġ xieraq. Jistgħu jużawh ukoll biex isibu l-aktar taħriġ nazzjonali xieraq.

In-natura applikata tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki Settoralji (għall-kuntrarju tal-QNK jew il-QEK) tippermetti lill-istudent jirrikonoxxi t-tipi u l-kumplessità tat-tagħlim tiegħu stess (formali u esperjenzjali) sal-lum. Din l-informazzjoni (flimkien ma' informazzjoni trasparenti dwar il-proċeduri tal-RPL, il-linji gwida għall-valutazzjoni, ir-rubriki tal-immarkar u l-kampjuni tal-valutazzjoni) tista' tagħti fiduċja lill-istudent fil-kisbiet tat-tagħlim tiegħu u tista' twassal għax-xewqa li t-tagħlim tiegħu jiġi rikonoxxut permezz tal-valutazzjonijiet.



- ▶ L-eżiti tat-tagħlim speċifiċi għall-modulu, inkluż il-livell ta' kumplessità u l-limiti b'livelli aktar baxxi u b'livelli ogħla. Dawn jistgħu jiġu kontrorreferenzjati mal-ESQF;
- ▶ It-tip speċifiku ta' tagħlim meħtieġ għall-kompiti tax-xogħol u għat-tagħlim (għarfien, ħliet, R/A jew taħlita kif indikat mill-eżiti tat-tagħlim). Dawn jallinjaw ruħhom mat-tipi ta' tagħlim identifikati fl-ESQF;
- ▶ Ir-relazzjoni bejn it-tagħlim fil-modulu attwali u t-tagħlim definit f'moduli assoċjati f'perkors ta' tagħlim b'tali mod li tkun tista' ssir referenza xierqa mingħajr ma wieħed jidħol fl-eżiti tat-tagħlim ta' tagħlim ieħor. Pereżempju, ħarrieġ fl-intervistar ikun irid jiżgura li l-istudent jifhem kif jagħmel strateġija ta' interrogazzjoni rilevanti biex jiġi stabbilit jekk għew issodisfati r-rekwiżiti għall-protezzjoni internazzjonali. Madankollu, dawn għandhom jevitaw li jirrepetu jew jantiċipaw kontenut li jkun f'moduli relatati bħall-Valutazzjoni tal-Inklużjoni jew tal-Evidenza.

Filwaqt li l-ħarrieġ m'għandux għalfejn jagħmel referenza attiva għall-ESQF, il-qafas jaġixxi biex jinfurmahom dwar il-kwistjonijiet ta' hawn fuq. Hu jista' jgħin ukoll biex jimmaniġġjaw l-esperjenza tat-tagħlim. Pereżempju, xi kultant jinqalgħu kwistjonijiet relatati mal-kumplessità tat-tagħlim. Student jistaqsi mistoqsija bażika dwar suġġett li kellu jkun kopert minn tagħlim li kien prerekwiżit għat-taħriġ jew jistaqsi mistoqsija kumplessa ħafna li tiġi koperta

minn taħriġ ta' livell ogħla. Jekk il-ħarrieġ ikun konxju tal-"limiti" għat-taħriġ partikolari li jkun qed jingħata, dan jista' jinforma lill-istudenti li l-mistoqsijiet jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tat-taħriġ partikolari u jidderiġhom lejn fejn jistgħu jsibu t-tweġibiet. Dan jgħin biex is-sitwazzjoni tat-taħriġ tiġi mmaniġġjata b'mod effettiv u għall-benefiċċju tal-istudenti kollha fis-sessjoni.

Il-Perspettiva tal-Implimentazzjoni

L-implimentazzjoni bħala parti miċ-ċiklu tat-taħriġ hija kunċett ferm usa' għall-EUAA bħala aġenzija tal-UE milli hija għal organizzazzjonijiet uniċi li jwettqu l-analiżi tal-ħtiġijiet, jidentifikaw in-nuqqasijiet, ifasslu tagħlim biex jindirizzawhom, jipprovdu t-taħriġ u mbagħad jevalwaw. L-EUAA essenzjalment qed tikkordina l-ġoti tat-taħriġ biex tindirizza n-nuqqasijiet fit-tagħlim madwar l-UE, fl-operazzjonijiet u f'pajjiżi terzi. Filwaqt li l-ħtiġijiet tat-taħriġ jiġu identifikati fil-bidu taċ-ċiklu, l-ibbilanċjar tal-ħtiġijiet mar-riżorsi huwa sfida għall-implimentazzjoni tat-taħriġ.

It-titlu sħiħ tal-QEK huwa l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja, u għan ewlieni tal-QEK u tal-oqfsa tal-kwalifiki huwa li jippromwov u jinkoraġġixxu t-tagħlim tul il-ħajja. L-istess prinċipju japplika għall-ESQF. Dan huwa kompletament konsistenti mal-mandat tal-EUAA li tuża t-taħriġ bħala għodda għall-implimentazzjoni armonizzata tas-SEKA. L-iżvilupp professjonali huwa parti integrali minn dan u għandu jiġi promoss, imħeġġeġ u rikonoxxut.

Sabiex jiġi appoġġat il-prinċipju tal-iżvilupp professjonali fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja, l-ippjanar tat-taħriġ jeħtieġ li jinkorpora opportunitajiet sinifikanti għar-rikonoxximent ta' tagħlim mhux formali u informali. Dan se jirrikjedi:

- ▶ Opportunitajiet għal valutazzjonijiet ta' Rikonoxximent ta' Tagħlim Preċedenti (RPL) li l-EUAA tista' tiskeda bl-appoġġ tal-Istati Membri
- ▶ Attivitajiet li jippromwov u jħeġġu l-parteċipazzjoni fl-opportunitajiet tal-RPL
- ▶ Informazzjoni għall-istudenti dwar il-proċessi tal-RPL (inkluż x'jiġri jekk l-istudent ma jgħaddix), it-tagħlim informali u mhux formali, f'lingwa mhux akkademika
- ▶ Opportunitajiet biex isiru valutazzjonijiet tal-RPL kull fejn ikun meħtieġ fil-perkorsi ta' tagħlim. Il-valutazzjonijiet tal-RPL għandhom għalhekk jiġu skedati b'tali mod li jippermetti lill-istudenti jimxu lejn it-tlestija ta' sett ta' moduli li jstgħu jwasslu għal kwalifika
- ▶ Riżorsi għall-valutazzjonijiet tal-grad



L-EUAA timmira għal livelli wiesgħa ta' aċċess għall-proċessi tal-RPL billi tiskeda b'mod sistematiku l-oportunitajiet tal-RPL u tiżgura li dawn jiġu ppubblikati sew minn qabel biex l-istudenti jkunu jistgħu jipplanaw u jħejju ruħhom.

Wara li jkunu involwew ruħhom fi proċessi tal-RPL, l-istudenti għandhom ikunu konxji ta' perkorsi ulterjuri li jippermettu tagħlim flessibbli u li jiżguraw il-progressjoni tat-tagħlim. L-għodda ETNAT se tgħin ħafna f'dan ir-rigward. Hi tippovdi lill-istudenti b'mekkaniżmu sempliċi biex jinteraġixxu mal-ESQF biex jirriflettaw dwar il-kisbiet tat-tagħlim informali u formali tagħhom stess.

L-ESQF jinforma t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol

Hemm għadd sinifikanti ta' ħiliet u eżiti tat-tagħlim ta' "responsabbiltà u awtonomija" li jkunu jeħtieġu tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol sabiex jinkisbu u jiġu vvalutati b'mod effettiv.

L-ESQF jista' jintuża fit-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u fl-ikkowċjar biex jitpoġġew fil-prattika u jiġu vvalutati l-ħiliet u t-tagħlim ibbażat fuq ir-responsabbiltà u fuq l-awtonomija. It-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol huwa komponent ewlieni tat-taħriġ vokazzjonali.

Huwa ġeneralment aċċettat li l-apprendiment esperjenzjali huwa mudell b'saħħtu. Hija l-applikazzjoni tat-tagħlim il-ġdid, miksub minn kors ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol li huwa l-qofol tal-esperjenza tat-tagħlim. L-istudenti għandhom jiġu appoġġati b'mod suffiċjenti wara t-taħriġ, li jfisser li t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol għandu jiġi żviluppat bl-aktar mod wiesa' possibbli u għandhom jiġu esplorati l-oportunitajiet ta' kkwċjar.

L-Evalwazzjoni

L-ESGQA jistabbilixxi r-rekwiżiti prinċipali tal-evalwazzjoni tat-taħriġ biex jinkludi l-evalwazzjoni ta':

- ▶ Il-kontenut tal-programm fid-dawl tal-aħħar riċerka fid-dixxiplina partikolari u b'hekk jiġi vvalidat li l-programm huwa aġġornat;
- ▶ Il-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-soċjetà, f'dan il-każ il-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-settur tal-ażil u tal-akkoljenza;
- ▶ L-ammont ta' xogħol, il-progress u t-tlestija tal-istudenti;
- ▶ L-effettività tal-proċeduri għall-valutazzjoni tal-istudenti;
- ▶ L-aspettattivi, il-ħtiġijiet u s-sodisfazzjon tal-istudent fir-rigward tal-programm;
- ▶ L-ambjent tat-tagħlim u s-servizzi ta' appoġġ u l-idoneità tagħhom għall-iskop tal-programm.

Evidentement, mhuwiex possibbli li dawn l-oqsma kollha jiġu evalwati l-ħin kollu, iżda huwa importanti li dawn kollha jiġu evalwati b'mod sistematiku. Barra minn hekk, xi wħud minn dawn l-oqsma għandhom implikazzjonijiet għall-ESQF, li fih innifsu għandu jibqa' s-suġġett tal-evalwazzjoni.

B'mod simili għall-analiżi tal-ħtiġijiet hemm firxa ta' metodoloġiji ta' evalwazzjoni disponibbli. Ħafna minnhom isegwu ċiklu simili, u l-komponent kritiku huwa l-bini tal-materjal ta' evalwazzjoni. Bl-użu tal-passi tal-mudell Kirkpatrick għal skopijiet ta' dimostrazzjoni, ir-rekwiżiti tal-evalwazzjoni tal-ESGQA se jiġu kkunsidrati fil-kuntest tal-ESQF.





Ir-Reazzjoni

L-evalwazzjoni fil-livell ta' reazzjoni għandha ssir wara kull modulu mal-istudenti. Din għandha tiġbor l-ammont ta' xogħol, il-proċeduri għall-valutazzjoni, l-ambjent tat-tagħlim u, l-aspettattivi, il-ħtiġijiet u s-sodisfazzjon. Hemm opportunità biex jiġu inkwadriati mistoqsijiet ta' evalwazzjoni dwar l-aspettattivi, il-ħtiġijiet u s-sodisfazzjon fil-kuntest tan-natura vokazzjonali tat-taħriġ tal-EUAA u r-rilevanza perċepita għall-kompiti tax-xogħol speċifiċi.

Fejn jitqajmu kwistjonijiet konsistenti f'moduli speċifiċi fir-rigward tal-ħtiġijiet, tal-aspettattivi u tas-sodisfazzjon, għandha ssir evalwazzjoni ulterjuri biex tiġi identifikata l-kawża tan-nuqqas ta' sodisfazzjon. Din jista' jkollha konsegwenzi għall-ESQF f'termini ta' definizzjoni ta' kompiti tax-xogħol li jvarjaw minn aspettattivi jew nuqqas ta' fehim fir-rigward tal-livell ta' kumplessità. Ikun meħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-kwistjoni hijiex reġjonali, limitata għal Stat Membru speċifiku jew apparenti fl-għoti kollu tat-taħriġ. F'termini ta' kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta fir-rigward tal-ESQF, din għandha tiġi rreġistrata. Il-kwistjonijiet jistgħu mbagħad jiġu indirizzati matul ir-reviżjoni perijodika tal-ESQF u tittieħed azzjoni biex tiġi indirizzata l-kwistjoni. Jekk il-kwistjoni tkun qed timpedixxi t-tagħlim, għandha tiġi indirizzata fil-perjodu ta' intervent u mhux tistenna li tiġi trattata matul rieżami perijodiku.

Bħal fil-każ tal-iżvilupp tal-ESQF, il-feedback dwar l-użu tal-ESQF u r-rilevanza tiegħu f'kuntesti nazzjonali se jkunu essenzjali għat-titjib kontinwu tal-għodda.

It-Tagħlim

L-evalwazzjoni fil-livell ta' tagħlim hija indikata permezz ta' progressjoni, jiġifieri t-tlestija sodisfaċenti ta' modulu jew programm, u li l-istudent jista' jimxi għas-sekwenza ta' tagħlim xierqa li jmiss. Il-prestazzjoni fil-valutazzjonijiet tintuża wkoll biex jiġi evalwat it-tagħlim.

L-ESQF u l-prestazzjoni ta' valutazzjoni kumulattiva

L-aktar indikatur b'saħħtu tat-tagħlim huwa l-prestazzjoni fil-kompiti tal-valutazzjoni kumulattiva. Għalhekk, il-kompiti tal-valutazzjoni kumulattiva għandhom ikunu awtentiċi għall-istandards okkupazzjonali definiti fl-ESQF. Għandu jkun hemm livell għoli ta' viġilanza fuq il-prestazzjoni ta' valutazzjoni kumulattiva. Ġeneralment ikun mistenni li, maż-żmien, il-prestazzjoni fil-valutazzjoni kumulattiva għandha naturalment issegwi distribuzzjoni normali. Il-moduli li fihom l-istudenti qatt jew rari ma jgħaddux mal-ewwel tentattiv, jew bil-maqlub fejn ħafna studenti ma jgħaddux, huma indikatur ta' problemi. Bl-istess mod, il-moduli fejn l-ebda student jew ftit studenti jiksibu distinzjoni, jew ħafna studenti jiksibu distinzjoni huma wkoll indikattivi ta' problema. Jista' jkun hemm bosta kawżi ta' dawn it-tipi ta' kwistjonijiet ta' valutazzjoni kumulattiva, iżda ta' interess f'termini tal-ESQF hija l-kwistjoni tal-kumplessità u li jiġi żgurat li l-kumplessità tal-kompitu tal-valutazzjoni kumulattiva taqbel mal-kumplessità tal-eżiti tat-tagħlim u li t-tnejn li huma jitqabblu mill-attivitajiet tat-tagħlim jew mill-kontenut tat-taħriġ.





II-Bidla fl-Imġiba

L-evalwazzjoni tal-bidla fl-imġiba mhijiex rekwiżit tal-ESGQA (mhijiex xi ħaġa li l-istituzzjonijiet akkademiċi huma sistematikament kapaċi jagħmlu) iżda hija ta' importanza sinifikanti għall-EUAA. It-taħriġ jew it-tagħlim fil-fatt jappoġġaw lill-istudent biex ikun jista' jwettaq il-kompiti fuq il-post tax-xogħol? L-evalwazzjoni tal-bidla fl-imġiba tista' titwettaq f'haġna formati, iżda huwa ssuġġerit li jintużaw l-istandards okkupazzjonali u s-sottokompiti li jkopru biex tiġi infurmata l-metodoloġija.

Il-feedback mingħand l-istudenti preċedenti u s-superviżuri tagħhom fir-rigward tal-prestazzjoni ta' wara t-taħriġ f'kompiti speċifiċi, jiżgura li l-evalwazzjoni tkun orjentata lejn il-kompiti. Il-feedback jista' jkun direttament relatat lura mal-analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ u mat-tfassil tat-taħriġ biex jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi dwar il-partijiet tat-tagħlim relatati mal-kompiti, jew tabilħaqq il-valutazzjoni kumulattiva tal-kompiti.

II-Prestazzjoni Organizzattiva

Il-livell finali tal-evalwazzjoni, għal darb'oħra mhux kopert minn rekwiżit tal-ESGQA, forsi huwa l-aktar diffiċli biex jitkejjel. Peress li l-għan tat-taħriġ tal-EUAA huwa li jappoġġa l-implimentazzjoni armonizzata tas-SEKA, huwa importanti li jiġu stabbiliti metriċi li jistgħu jindikaw impatt pożittiv lejn l-armonizzazzjoni.

L-għadd ta' Stati Membri, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet li jużaw il-moduli ta' taħriġ tal-EAC huwa metrika sinifikanti għal dan il-għan. L-ESQF joffri metrika oħra li tista' tintuża biex jintwera r-rwol li għandu t-taħriġ tal-Istat Membru stess fl-armonizzazzjoni.

Kif kopert hawn taħt, il-vantaġġ li jiġi żviluppat qafas tal-kwalifiki settorjali fil-livell Ewropew huwa l-potenzjal ta' għodda ta' referenza komuni relatata mas-SEKA. L-użu ta' standards edukattivi u okkupazzjonali komuni jaħdem biex tinkiseb armonizzazzjoni akbar. L-użu tal-ESQF mill-Istati Membri jista' jiffaċilita l-kejl ta' kif it-taħriġ ikkontribwixxa għal aktar konformità mas-SEKA fil-kuntest tagħhom stess u jinforma evalwazzjonijiet usa'.

L-Ippjanar Strateġiku

Peress li l-ESQF jipprovdi mappa tal-kompiti kollha tax-xogħol u tal-istandards edukattivi (l-eżiti tat-tagħlim) meħtieġa biex jinkisbu l-kompiti, l-ESQF jista' jintuża bħala għodda strateġika għall-ippjanar fit-tul lejn l-għanijiet tat-taħriġ.



Ir-Reviżjoni Perjodika tal-ESQF

L-oqfsa tal-kwalifiki, inklużi l-oqfsa settorjali, għandhom ikunu soġġetti għall-istess proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità bħall-moduli u l-programmi. L-evalwazzjoni tat-taħriġ fiċ-ċiklu normali tal-evalwazzjoni tista' tipprovdi indikaturi ta' kwistjonijiet fl-ESQF. Barra minn hekk, l-ESQF huwa affettwat ukoll minn kwalunkwe ħtieġa li tinbidel tar-rekwiżiti okkupazzjonali tal-Ażil u tal-Akkoljenza.

L-aktar mod effettiv biex jiġi vvalidat l-ESQF, lil hinn mill-miżuri li diġà ttieħdu, huwa li jintuża. Il-feedback u l-evalwazzjoni se jiġu mfittxija b'mod sistematiku u strutturat minn dawk li jużaw l-ESQF, kemm fl-EUAA kif ukoll fil-pajjiżi tal-UE+.

Madankollu, l-ESQF m'għandux jinbidel b'mod kostanti. Sakemm ma tinqalax kwistjoni verament sinifikanti li tikkontesta l-validità tal-ESQF, f'liema każ jiġi ppubblikat addendum, għandu jsir rieżami bir-reqqa skont iċ-ċiklu ta' rieżami perjodiku tal-assigurazzjoni tal-kwalità normali, li huwa kull ħames snin mid-data tal-pubblikazzjoni.



Qafas ta' Kwalifiki Settorjali Ewropew

Prinċipji u Terminoloġija

Il-prinċipji u t-terminoloġija li ġejjin huma maħsuba bħala dokument ta' appoġġ għall-Qafas ta' Kwalifiki Settorjali Ewropew (ESQF). Huma jiċċaraw kif it-termini jintużaw speċifikament fl-ESQF u jispjegaw il-prinċipji ewlenin li infurmaw l-iżvilupp tal-qafas.

Prinċipji Ewlenin tal-ESQF

■ L-ESQF huwa inklużiv iżda mhux preskrittiv:

Il-kompiti tax-xogħol u t-tagħlim għall-uffiċjali kollha tal-ażil u tal-akkoljenza madwar l-UE għandhom jiġu riflessi fl-ESQF. Madankollu, l-eżistenza ta' komputu jew tagħlim fi ħdan l-ESQF ma tobbliga lill-ebda Stat Membru (SM) jinkludi dan il-kompitu jew it-tagħlim għall-uffiċjali tiegħu.

■ **L-istruttura:** L-istandards okkupazzjonali u l-istandards edukattivi tal-ESQF huma maqsuma fi tliet taqsimiet: "Kompetenzi Ġeneriċi tal-Ażil u tal-Akkoljenza", "Kompetenzi Speċifiċi tal-Ażil u tal-Akkoljenza" u "Kompetenzi ta' Ġestjoni u Superviżjoni". F'kull taqsim, hemm "oqsma ta' kompetenza" elenkati fl-ewwel kolonna. Din l-istruttura tipprevjeni duplikazzjonijiet fl-istandards okkupazzjonali. Pereżempju, hemm elementi ta' ħiliet ta' komunikazzjoni jew liġi, politika u proċedura li huma rilevanti għall-biċċa l-kbira tal-kompiti tal-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza. Għalhekk, dawn l-istandards huma definiti bħala ġeneriċi.

■ Il-livelli jirriflettu l-kumplessità mhux il-grad:

L-istandards okkupazzjonali huma kklassifikati taħt il-livelli A, B u C, b'"A" li tirrifletti l-kompiti l-inqas kumplessi u "C" li tirrifletti l-aktar kompiti kumplessi. L-istess japplika għall-istandards edukattivi, li huma organizzati taħt kolonni numeriċi (4/7) li jirriflettu l-livell ta' kumplessità definit fil-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (QEK). Dan huwa kunċett kemxejn diffiċli li wieħed iżomm f'moħħu, peress li huwa normali li wieħed jaħseb f'termini ta' struttura ġerarkika aktar milli ta' kumplessità tal-kompiti.

■ **Il-kaxxi l-voġta huma intenzjonati:** Il-qafas jiddefinixxi l-istandards okkupazzjonali attwali kif identifikati u vvalidati mill-Istati Membri. Xi drabi, standards okkupazzjonali "inqas kumplessi" jew "aktar kumplessi" fi ħdan "Żona ta' Kompetenza" la jeżistu u lanqas huma previsti, għalhekk hemm kaxxi voġta. Dan huwa perfettament naturali. L-istess prinċipju japplika għall-istandards edukattivi.

■ **L-ESQF huwa ta' livell għoli:** L-istandards okkupazzjonali huma miktuba f'livell għoli. Jiġifieri, jinkludu kompiti speċifiċi ta' xogħol li huma direttament relatati magħhom jew sottokompiti li huma meħtieġa biex jinkiseb l-istandard okkupazzjonali. Pereżempju, "*lvvaluta t-talbiet biex tiddetermina jekk l-istatus ta' protezzjoni internazzjonali għandux jingħata, jiġi eskluż jew jintemm, bl-użu tal-evidenza u tal-informazzjoni rilevanti kollha f'każijiet standard tal-ażil*", tinvolvi għadd ta' sottokompiti bħat-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju, l-identifikazzjoni ta' liema evidenza hija rilevanti għal talba, u t-teħid ta' deċiżjoni. Is-sottokompiti għal standard okkupazzjonali jitqiesu meta jiġu vvalutati l-ħtiġijiet tat-taħriġ u jiġi żviluppati it-taħriġ, anki jekk ma jkunux viżibbli fil-matriċi tal-ESQF.

■ **L-inklużività kemm tal-Uffiċjali tal-Ażil kif ukoll tal-Akkoljenza:** Ir-referenzi għall-"proċess kollu tal-ażil" jinkludu kemm il-ġestjoni tal-applikazzjoni għall-ażil kif ukoll l-akkoljenza tal-applikanti.

■ **Il-lingwi:** M'hemm l-ebda referenza għall-profiċjenza tal-lingwa fl-ESQF peress li hemm qafas Ewropew separat li jikklassifika l-profiċjenza tal-lingwa.

■ **Professjonijiet oħra involuti fil-proċess tal-ażil:** Dan il-qafas huwa speċifikament għall-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza. Ma jkoprix intenzjonalment professjonijiet oħra, bħall-interpreti, minkejja li huma kritiċi fil-"proċess kollu tal-ażil". Dan għaliex professjonijiet oħra jappartjenu għal "setturi" differenti għall-finijiet ta' taħriġ vokazzjonali u għalhekk huma, jew se jkunu, soġġetti għal oqfsa ta' kwalifiki speċifiċi għal dak is-settur. Dan ma jeskludix professjonijiet oħra milli jwettqu taħriġ jew partijiet ta' taħriġ imfassla biex tinkiseb l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA).

Terminoloġija

Terminu użat fl-ESQF	Definizzjoni/Spjegazzjoni kif użata fl-istandards okkupazzjonali u edukattivi	Definizzjoni skont il-Glossarju ta' Termini għall-Kurrikulu Ewropew fil-Qasam tal-Ażil (EAC) b'rabta mal-glossarju tan- Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN) , fejn disponibbli.
Alternattivi għad-detenzjoni	L-alternattivi għad-detenzjoni huma miżuri li jissostitwixxu d-detenzjoni u, b'hekk, jillimitaw bi sħiħ il-libertà personali, u jippermettu lill-individwu (ċittadin ta' pajjiż terz) jibqa' f'ċertu post meta jissodisfa l-kundizzjonijiet u r-restrizzjonijiet stabbiliti li jillimitaw parzjalment il-libertà ta' moviment tiegħu. Alternattivi bħal dawn jinkludu, pereżempju: rappurtar regolari tal-post tas-soġġorn, ċediment ta' garanzija finanzjarja jew dokumenti tal-ivvjaġġar, sorveljanza elettronika, [...] Sors: EMN Focussed Study 2022 (Studju Ffukat tal-EMN 2022)	
Ambjent inklużiv u sikur	Ambjent inklużiv u sikur jirreferi għall-iżgurar li l-applikanti kollha, irrispettivament minn kwalunkwe "ħtieġa speċifika u speċjali" (ara d-definizzjoni) jew kwistjoni ta' diversità jistgħu jħossuhom sikuri fl-ambjenti tal-ażil u tal-akkoljenza.	
Analiżi tal- Informazzjoni u tad-Data	Din it-taqsimha tirreferi għall-għbir u għall-analiżi tal-forom kollha ta' data relatati mal-ażil u mal-akkoljenza iżda bl-esklużjoni tal- Informazzjoni dwar il-Pajjiż tal-Oriġini, li hija koperta separatament.	
Applikant	L-"applikant" jirreferi għal kwalunkwe persuna li hija s-suġġett ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, mill-ewwel stadji tal-proċess sat-tmiem tal-proċess kif rifless fis-SEKA.	Applikant għal protezzjoni internazzjonali Ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, li ressaq applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, li fir-rigward tagħha għadha ma tteħditx deċiżjoni finali. Referenza/referenzi legali: Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika, Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil Modulu/moduli ta' Taħriġ tal-EAC: Modulu tas-SEKA, Modulu dwar l-Inklużjoni Glossarju tal-EMN: applikant għal protezzjoni internazzjonali Terminu/termini relatat(i): applikant għall-ażil, applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali Tħallatx ma': benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali

Terminu użat fl-ESQF	Definizzjoni/Spjegazzjoni kif użata fl-istandards okkupazzjonali u edukattivi	Definizzjoni skont il-Glossarju ta' Termini għall-Kurrikulu Ewropew fil-Qasam tal-Ażil (EAC) b'rabta mal-glossarju tan- <i>Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN)</i> , fejn disponibbli.
Applikant bi bżonnijiet speċifiċi u speċjali	Dan ikopri l-applikanti bi ħtieġa ta' garanziji proċedurali speċjali u/jew bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza.	Applikant bi ħtieġa ta' garanziji proċedurali speċjali Applikant għal protezzjoni internazzjonali li l-kapaċità tiegħu li jibbenefika mid-drittijiet u jikkonforma mal-obbligi previsti fid-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil hija limitata minħabba ċirkostanzi individwali bħall-età, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, id-diżabbiltà, mard serju, disturbi mentali jew il-konsegwenzi ta' tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza sesswali, fiżika jew psikoloġika. Referenza/referenzi legali: Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil Moduli ta' Tahrīg tal-EAC: Modulu ta' Kif Tintervista l-Persuni Vulnerabbli Għodod Prattiki tal-EUAA: L-Għodda tal-EUAA għall-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali (IPSN) Glossarju tal-EMN: <i>applikant bi ħtieġa ta' garanziji proċedurali speċjali</i> Terminu/termini relatati(i): applikant vulnerabbli Tħallatx ma': <i>applikant bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza</i> Applikant bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza Applikant vulnerabbli bi ħtieġa ta' garanziji speċjali sabiex jibbenefika mid-drittijiet u jikkonforma mal-obbligi previsti fid-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza. Referenza/referenzi legali: Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza Moduli ta' Tahrīg tal-EAC: Modulu tal-Akkoljenza, Modulu ta' Kif Tintervista l-Persuni Vulnerabbli Għodda Prattika tal-EUAA: Għodda tal-EUAA għall-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali (IPSN) Glossarju tal-EMN: <i>applikant bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza</i> Termini relatati: applikant vulnerabbli Tħallatx ma': <i>applikant bi ħtieġa ta' garanziji proċedurali speċjali</i>
Assigurazzjoni tal-kwalità tal-proċess tal-ażil u tal-akkoljenza vs il-ġestjoni tal-kwalità	L-assigurazzjoni tal-kwalità tal-proċess tal-ażil u tal-akkoljenza tirreferi biss għall-kwalità tad-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tal-każ ta' applikant. Il-ġestjoni tal-kwalità hija relatata mal-proċessi organizzazzjonali kollha u mhijiex speċifikament relatata ma' deċiżjonijiet fir-rigward tal-każ ta' applikant.	
Bennesseri professjonali	Il-bennesseri professjonali huwa terminu ġenerali li jkopri t-trattament xieraq u l-bennesseri fuq il-post tax-xogħol.	
Diffikultà soċjali	Id-diffikultà soċjali hija terminu użat biex jinkludi kwalunkwe stress jew trauma u kwistjonijiet ta' kura personali li jistgħu jaffettwaw applikant. Jekk jogħġbok innota: L-indirizzar tal-istress, tat-trauma u tal-kura personali huma kompiti li huma koperti mill-qasam ta' kompetenza tal-Bennesseri Professjonali meta jirreferi għall-persunal. L-istess kwistjonijiet mill-perspettiva tal-applikant huma koperti taħt il-qasam ta' kompetenza tal-Appoġġ u tal-Gwida Psikosoċjali.	

Terminu użat fl-ESQF	Definizzjoni/Spjegazzjoni kif użata fl-istandards okkupazzjonali u edukattivi	Definizzjoni skont il-Glossarju ta' Termini għall-Kurrikulu Ewropew fil-Qasam tal-Ażil (EAC) b'rabta mal-glossarju tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN), fejn disponibbli.
Dublin	L-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-każijiet ta' Dublin huma sottokompiti ta' standards okkupazzjonali ta' livell oġġla. Pereżempju, l-identifikazzjoni tal-każijiet ta' Dublin tinsab fl-ESQF taħt il-Valutazzjoni tal-Evidenza u t-Teħid ta' Deċiżjonijiet (20e): Determinazzjoni tar-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' talba għal protezzjoni internazzjonali	
Għodod u tekniki	Għodod huma oġġetti tekniċi, bħal programmi ta' software jew inventarji li jappoġġaw it-tlestija tal-kompiti. Tekniki huma l-elementi prattiċi meħtieġa biex jitlestew il-kompiti, pereżempju t-tekniki tal-intervisti.	
Ħiliet ta' Komunikazzjoni	Il-qasam ta' kompetenza tal-Komunikazzjoni Ġenerali jipprevedi tliet livelli ta' komunikazzjoni relatati mal-kuntest tal-ażil u tal-akkoljenza. Is-sottokompiti se jagħtu d-dettalji dwar il-ħiliet eżatti iżda fil-prinċipju kull livell jinkludi: Livell A: Smigħ attiv, interrogazzjoni bażika u ksib ta' informazzjoni (mili tal-formola), bini ta' relazzjoni tajba, komunikazzjoni mhux verbali, konsiderazzjonijiet kulturali fil-komunikazzjoni. Livell B: Ħiliet avvanzati ta' ksib ta' informazzjoni, litteriżmu emozzjonali, ġustifikazzjonijiet bil-miktub. Livell C: Diplomazija, ġestjoni tal-midja, komunikazzjoni ma' udjenzi speċifiċi (eż. żgħażaġh żgħar ħafna), strateġiji ta' komunikazzjoni organizzazzjonali.	
Il-kodiċi ta' prattika	Jinkludi kodiċijiet ta' etika, kodiċijiet ta' kondotta u kodiċijiet professjonali applikabbli għall-uffiċjali tal-ażil jew tal-akkoljenza.	
Il-proċess kollu tal-ażil	Il-proċess kollu tal-ażil huwa terminu użat biex jindika li l-istandard jirreferi kemm għall-proċessi tal-ażil kif ukoll tal-akkoljenza.	
Il-proċess tal-ażil	Il-proċess tal-ażil huwa terminu użat biex jindika li l-istandard jirreferi biss għall-proċessi tal-ażil u mhux għall-proċessi tal-akkoljenza.	

Terminu użat fl-ESQF	Definizzjoni/Spjegazzjoni kif użata fl-istandards okkupazzjonali u edukattivi	Definizzjoni skont il-Glossarju ta' Termini għall-Kurrikulu Ewropew fil-Qasam tal-Ażil (EAC) b'rabta mal-glossarju tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN), fejn disponibbli.
Informazzjoni dwar il-Pajjiż tal-Orġini (COI)	Il-kompiti taħt "Riċerka tal-Infommazzjoni dwar il-Pajjiż tal-Orġini" jirriflettu r-riċerka u l-iżvilupp tal-prodotti tas-COI (ara d-definizzjoni) mir- riċerkaturi tas-COI (ara d-definizzjoni). L-użu tal-infommazzjoni tas-COI u t-tweqqif ta' kontrolli żgħar tal-aħħar sitwazzjonijiet tas-COI huma riflessi fil-"Valutazzjoni tal-Evidenza u t-Teħid ta' Deċiżjonijiet".	Prodott tal-Infommazzjoni dwar il-Pajjiż tal-Orġini (COI) Kwalunkwe tip ta' prodott finali tas-COI użat biex jappoġġa lill-prattikanti tal-RSD⁵. Il-prodotti tas-COI jinkludu rapporti ġenerali/tematiċi, skedi informattivi, kronoloġiji, rapporti ta' missjonijiet ta' ġbir ta' infommazzjoni u tveġibiet għal mistoqsijiet speċifiċi. Referenza/referenzi legali: Id-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika (infommazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini), id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil (infommazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini) Modulu/Moduli ta' Taħriġ tal-EAC: Modulu tas-COI Għodod Prattiċi tal-EUAA: Għodod u suġġerimenti għar-riċerka online Riċerkatur tal-Infommazzjoni dwar il-Pajjiż tal-Orġini (COI) Riċerkatur li jipprovdi servizzi ta' Infommazzjoni dwar il-Pajjiż tal-Orġini (COI) biex jappoġġa lill-prattikanti tal-RSD. Riċerkatur tas-COI jiġbor, jagħżel u jivvalida s-COI u ta' spiss jabbozza l-prodotti tas-COI. Huwa/Hija jwettaq/twettaq ukoll inkjesti jew investigazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mas-COI sabiex jivverifika/tivverifika l-fatti, l-avvenimenti jew is-sitwazzjonijiet u jibni/tibni għarfinen dwar pajjiż partikolari. Referenza/referenzi legali: Id-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika (infommazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini), id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil (infommazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini) Modulu/Moduli ta' Taħriġ tal-EAC: Modulu tas-COI Għodod Prattiċi tal-EUAA: Għodod u suġġerimenti għar-riċerka online Imsejħa wkoll: Analisti tas-COI, esperti tas-COI, esperti tal-pajjiżi, speċjalisti tal-pajjiżi
Interrogazzjoni	Il-ksib ta' infommazzjoni permezz ta' mistoqsijiet ma jitqiesx bħala intervistar fl-EQSF. Għal spjegazzjoni ta' x'inhu kopert minn "intervistar", jekk jogħġbok irreferi għad-definizzjoni ta' "Intervistar" ta' hawn fuq.	
Intervista standard relatata mal-ażil Intervisti kumplessi u/ jew mhux standard relatati mal-ażil	Intervista standard relatata mal-ażil tirreferi għal intervisti fejn is-sitwazzjoni u l-evidenza assoċjati jiġu affaċċjati b'mod regolari mill-awtoritajiet tal-ażil. Intervisti kumplessi jew mhux standard jirreferu għal intervisti li jeħtieġu strateġiji avvanzati tal-intervisti minħabba ċirkostanzi legali bħal f'każijiet ta' esklużjoni kumplessi jew fehim fil-fond tal-funzjonijiet konjittivi u żvilupp biex jiġu infurmati l-metodi biex tinkiseb l-infommazzjoni.	
Intervistar	Intervistar jirreferi għal intervista personali formali kif definita fil-"Gwida Prattika tal-EASO: Intervista Personali". Hemm ħafna okkażjonijiet oħra fejn l-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza jistgħu jfittxu li jistaqsu lill-applikanti mistoqsijiet għal diversi raġunijiet inkluż il-mili tal-formoli. Dan it-tip ta' interrogazzjoni jaqa' taħt is-sottokompiti fil-Komunikazzjoni Ġenerali.	

⁵ Determinazzjoni tal-Istatus ta' Refuġjat

Terminu użat fl-ESQF	Definizzjoni/Spjegazzjoni kif użata fl-istandards okkupazzjonali u edukattivi	Definizzjoni skont il-Glossarju ta' Termin għall-Kurrikulu Ewropew fil-Qasam tal-Ażil (EAC) b'rabta mal-glossarju tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN), fejn disponibbli.
Każijiet Standard u Kumpleksi tal-Ażil	Il-każijiet standard u kumpleksi huma termini użati biex issir distinzjoni bejn il-kumpleksità, f'termini tar-rekwiżit għal għarfien jew ħiliet avvanzati għall-ġestjoni tal-każ, filwaqt li jiġi nnotat li kull każ jiġi ttrattat abbażi tal-karatteristiċi speċifiċi tiegħu. Standard jirreferi għal każijiet fejn is-sitwazzjoni, l-evidenza u r-riskju assoċjati jiġu affaċċjati b'mod regolari mill-awtoritajiet tal-ażil. Kumpleks jirreferi għal każijiet fejn is-sitwazzjoni, l-evidenza jew ir-riskju assoċjati jkunu ġodda jew rari, legalment diffiċli jew jeħtieġu ħiliet speċjalizzati biex tingabbar l-evidenza.	
Kompetenzi superviżorji u ta' ġestjoni	Din it-taqsimha tal-ESQF tkopri kompiti li huma superviżorji jew relatati mal-ġestjoni. Ma tiddequx li dawn il-kompiti huma jew iridu jitwettqu minn uffiċjali li għandhom rwol ta' superviżjoni jew ta' ġestjoni.	
Kuntest relatat mal-ażil	Jirreferi għall-ażil u għall-akkoljenza.	
Metodi	Metodu huwa proċess li bih kompitu speċifiku jitlesta, pereżempju l-valutazzjoni tal-evidenza.	
Proċedura ta' aži		Proċedura ta' aži Din tkopri l-passi kollha relatati ma'applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għad-deċiżjoni finali, inklużi d-drittijiet u l-obbligi għall-applikant. Referenza/referenzi legali: Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil Moduli ta' Taħriġ tal-EAC: Modulu tas-SEKA, Modulu tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil Għodod Prattiċi tal-EUAA: L-Aċċess għall-Proċedura tal-Ażil; L-Analiżi Ġudizzjarja: Il-proċeduri tal-aži u l-prinċipju ta' non-refoulement Imsejħa wkoll bħala: Proċedura ta' protezzjoni internazzjonali
Proċess ta' akkoljenza	Il-proċess ta' akkoljenza huwa terminu użat biex jindika li l-istandard jirreferi biss għall-proċessi ta' akkoljenza u mhux għall-proċessi tal-ażil.	

Terminu użat fl-ESQF	Definizzjoni/Spjegazzjoni kif użata fl-istandards okkupazzjonali u edukattivi	Definizzjoni skont il-Glossarju ta' Termini għall-Kurrikulu Ewropew fil-Qasam tal-Ażil (EAC) b'rabta mal-glossarju tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN), fejn disponibbli.
Proċessi u Proċeduri	Proċess jiddefinixxi l-passi jew l-istadji ta' livell għoli ta' avveniment. Il-proċess tal-ażil jibda mar-reġistrazzjoni permezz ta' applikazzjoni, id-deċiżjoni u l-istadji li jmiss skont l-eżitu tad-deċiżjoni. Proċedura hija rendikont dettaljat ta' azzjoni speċifika. Pereżempju, il-proċedura għar-reġistrazzjoni tagħti dettalji dwar il-passi kollha meħtieġa biex jinfetħ fajl. Għalhekk, proċess jista' jinkludi ħafna proċeduri differenti.	
Reġistrazzjoni	Għall-finijiet tal-ESQF, it-terminu reġistrazzjoni jinkludi l-att tal-formalizzazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali mal-awtorità determinanti jew kwalunkwe korp ieħor skont il-prattika nazzjonali.	Reġistrazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali Bħala t-tieni fażi tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil, il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għandha tiġi reġistrata sabiex id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mit-tweġġ tal-applikazzjoni jsiru aktar effettivi. Il-limiti ta' żmien huma rregolati mill-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil. Referenza/referenzi legali: Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil Modulu/Moduli ta' Taħriġ tal-EAC: Modulu tas-SEKA, Introduzzjoni għall-Modulu ta' Protezzjoni Internazzjonali, Modulu tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil, Reġistrazzjoni tal-Aplikazzjoni għal Protezzjoni Internazzjonali Għodod Prattiki tal-EUAA: L-Aċċess għall-Proċedura tal-Ażil Tħallatx ma': il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali; it-tressiq ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali [ara hawn taħt] It-tressiq ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali It-tielet pass tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil - l-att tal-formalizzazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali - billi tiġi ppreżentata formola jew, fejn previst fil-liġi nazzjonali, rapport uffiċjali lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. Referenza/referenzi legali: Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil Modulu/Moduli ta' Taħriġ tal-EAC: Modulu tas-SEKA, Introduzzjoni għall-Modulu ta' Protezzjoni Internazzjonali, Modulu tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil Għodod Prattiki tal-EUAA: L-Aċċess għall-Proċedura tal-Ażil; L-Analiżi Ġudizzjarja: Il-proċeduri tal-ażil u l-prinċipju ta' non-refoulement Glossarju tal-EMN: tressiq ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali Tħallatx ma': il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali; ir-reġistrazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali

Terminu użat fl-ESQF	Definizzjoni/Spjegazzjoni kif użata fl-istandards okkupazzjonali u edukattivi	Definizzjoni skont il-Glossarju ta' Termini għall-Kurrikulu Ewropew fil-Qasam tal-Ażil (EAC) b'rabta mal-glossarju tan- <i>Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN)</i> , fejn disponibbli.
Superviżjoni, Ġestjoni u Tmexxija	Fil-kuntest tal-ESQF: Superviżjoni tirreferi għal-livelli aktar baxxi tal-istruttura ta' ġestjoni u tinvolvi direttament is-superviżjoni tax-xogħol tas-subordinati. Ġestjoni tirreferi, fil-prinċipju, għal-livell tan-nofs tal-istruttura ta' ġestjoni u tinvolvi l-ġestjoni diretta tar-riżorsi (umani, finanzjarji u infrastrutturali) biex jintlaħqu l-oġettivi organizzazzjonali. Tmexxija tirreferi, fil-prinċipju, għall-ogħla -livell ta' ġestjoni u hija responsabbli għad-direzzjoni strateġika tal-organizzazzjoni jew tal-proġetti speċifiċi. Skont dawn id-definizzjonijiet, huwa rikonoxxut li l-mexxejja jista' jkollhom responsabbiltajiet ta' ġestjoni, u li t-terminu "mexxej" spiss jintuża biex jirreferi għat-tmexxija ta' tim, li f'dan il-kuntest hija aktar simili għal superviżjoni.	





Matul il-gwida prattika, huwa spjegat li l-istandards okkupazzjonali huma ta' livell għoli. Dan ifisser li kull standard okkupazzjonali jkopri diversi kompiti. Hawn taħt għandek issib it-tqassim ta' diversi standards okkupazzjonali. Mhumex eżawrjenti, iżda jagħtu eżempju ta' kif ġew żviluppati l-istandards okkupazzjonali.

L-eżempji huma meħuda mill-oqsma ta' kompetenzi li ġejjin:

- Kompetenzi Ġeneriċi tal-Ażil u tal-Akkoljenza — **Liġi, Politika u Proċeduri**
- Kompetenzi Speċifiċi tal-Ażil u tal-Akkoljenza – **Vulnerabbiltà** (rilevanti għall-proċess kollu tal-ażil); **Valutazzjoni tal-Evidenza u Teħid ta' Deċiżjonijiet** (proċess tal-ażil).

L-Għodda għall-Analiżi tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ tal-EUAA (ETNAT) qed tiġi żviluppata bħala applikazzjoni prattika tal-ESQF. Din se tippermetti lill-prattikanti jagħżlu l-kompiti u jqabblu dawk il-kompiti mat-taħriġ rilevanti.



Qasam ta' kompetenza	Tip ta' kompetenza	Standard okkupazzjonali	Kumplessità	Kompitu
Liġi, Politika u Proċeduri	Għarfien ta'	Il-liġi, il-politika u l-proċeduri rilevanti relatati mal-ażil, skont il-qafas legali nazzjonali/ tal-UE/ internazzjonali (1a)	A	Iressqu applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, f'konformità mal-qafas legali tal-UE u dak internazzjonali
				Jidentifikaw l-indikaturi ta' Dublin meta jittrattaw mal-applikanti u meta jeżaminaw il-fajls tagħhom
				Jidentifikaw l-elementi fundamentali tal-protezzjoni internazzjonali fl-UE
				Jidentifikaw ir-raġunijiet għall-esklużjoni u l-aktar atti komuni li jistgħu jiġu esklużi
				Jidentifikaw persuni li jkunu jixtiequ japplikaw għal protezzjoni internazzjonali
	Ħila biex	Japplikaw il-liġi, il-politika u l-proċeduri relatati mal-ażil fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rwol individwali (1b)	A	Jidentifikaw u jiġbru evidenza relatata mal-proċedura ta' Dublin, kemm bil-fomm mal-applikant, kif ukoll mill-fajl tal-applikant.
				Jidentifikaw kategoriji ta' persuni li potenzjalment jistgħu jiġu esklużi fil-kuntest ta' wasla fuq skala kbira
				Jidentifikaw informazzjoni f'każ individwali li tista' tindika l-eżistenza ta' każ potenzjali ta' esklużjoni
				Jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-applikanti għal protezzjoni internazzjonali li ġew identifikati bħala każijiet ta' Dublin potenzjali, kif previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament Dublin III
				Jipprovdu informazzjoni lil persuni li jkunu jixtiequ japplikaw għal protezzjoni internazzjonali
	Jieħdu responsabbiltà biex	Jikkonformaw mal-qafas legali bażiku fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rwol individwali (1c)	A	Jikkonformaw mal-liġi, mal-politika u mal-proċeduri speċifiċi relatati mas-superstiti ta' vjolenza.
				Jiddeċiedu jekk applikant għandux jiġi riferut lill-Unià ta' Dublin bħala każ ta' Dublin potenzjali abbażi tal-indikaturi.
				Jagħtu aċċess għall-proċedura tal-ażil lil persuni li jkunu jixtiequ japplikaw għal protezzjoni internazzjonali
				Jipprovdu lill-Unià ta' Dublin bl-evidenza kollha relatata ma' Dublin miġbura dwar l-applikant, meta jirreferu l-każ
				Japplikaw salvagwardji fl-identifikazzjoni ta' missjoni ta' risistemazzjoni

Qasam ta' kompetenza	Tip ta' kompetenza	Standard okkupazzjonali	Kumplessità	Kompitu
Liġi, Politika u Proċeduri	Għarfien ta'	Il-liġi, il-politika u l-proċeduri nazzjonali u Ewropea, il-ġurisprudenza u l-każistika relatati mal-ażil fil-kuntest tal-oqfsa legali nazzjonali, internazzjonali u tal-UE (1d)	B	Japplikaw id-definizzjoni ta' protezzjoni sussidjarja fil-liġi internazzjonali u l-acquis tal-UE dwar l-ażil. Japplikaw l-oqfsa u l-istrumenti legali applikabbli meta jiġu kkunsidrati każijiet ta' esklużjoni għal persuni li ma jkunux jeħtieġu protezzjoni internazzjonali Japplikaw id-definizzjoni ta' rifuġjat fil-kuntest tal-Konvenzjoni dwar ir-Rifuġjati u l-acquis tal-UE dwar l-ażil Jivvalutaw liema Stat Membru huwa responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali Jikkontestwalizzaw il-kategoriji ta' sottomissjoni tal-UNHCR, livelli ta' prijarità differenti bl-użu tal-formola ta' reġistrazzjoni ta' risistemazzjoni u s-sottomissjoni f'missjoni ta' risistemazzjoni Jorganizzaw trasferiment ta' Dublin Jipproċessaw (jibagħtu jew iwieġbu) talba biex tittieħed responsabbiltà, talba biex l-applikant jittieħed lura, talbiet għal informazzjoni u rieżami Jużaw il-mezzi rilevanti ta' provi u evidenza għall-valutazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali
	Ħila biex	Jipprovdu rakkomandazzjonijiet legali u proċedurali verbali u/jew bil-miktub dwar kwistjonijiet standard tal-ażil lill-partijiet ikkonċernati kollha (1e)	B	Janalizzaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont id-definizzjoni ta' rifuġjat stabbilita fil-liġi nazzjonali, fl-acquis tal-UE dwar l-ażil u fil-Konvenzjoni dwar ir-Rifuġjati
	Għarfien ta'	Il-kunċetti rilevanti għal-liġi relatata mal-ażil u għar-rekwiżiti proċedurali relatati ma' kwistjonijiet ta' protezzjoni internazzjonali kumplessi u speċifiċi (jiġifieri l-esklużjoni, il-waqfien, ir-revoka) (1g)	C	Jivvalutaw liema Stat Membru huwa responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, għal każijiet ta' livell għoli ta' kumplessità Jidentifikaw kunċetti, rekwiżiti speċifiċi tal-liġi u proċedurali relatati ma' kwistjonijiet kumplessi relatati mal-esklużjoni

Qasam ta' kompetenza	Tip ta' kompetenza	Standard okkupazzjonali	Kumplessità	Kompitu
Liġi, Politika u Proċeduri	Ħila biex	Jipprovdu rakkomandazzjonijiet legali u proċedurali verbali u bil-miktub lill-partijiet ikkonċernati kollha dwar kwistjonijiet mhux standard u/jew kumplessi relatati mal-ażil (1h)	C	Japplikaw l-oneru u l-istandard tal-prova dwar kwistjonijiet kumplessi relatati mal-esklużjoni
				Jiddeterminaw jekk individwu jissodisfax l-elementi kostituttivi kollha tal-klawżoli ta' esklużjoni abbażi tal-evidenza u tal-informazzjoni rilevanti miġbura
				Jinterpretaw u japplikaw kunċetti kumplessi ta' protezzjoni tar-rifuġjati.
				Jinterpretaw u japplikaw kunċetti kumplessi ta' protezzjoni sussidjarja.
				Jipprovdu analiżi legali biex tiġi appoġġata d-deċiżjoni dwar jekk klawżola ta' esklużjoni hijiex applikabbli fil-kuntest ta' każijiet individwali kumplessi.
				Jagħżlu l-evidenza u l-informazzjoni li jissodisfax il-kriterji tal-applikabbiltà f'każijiet kumplessi
Vulnerabbiltà	Ħila biex	Jużuw strateġiji ta' intervistar avvanzati għall-ippjanar, għat-thejjja, għat-twettiq u għad-dokumentazzjoni ta' intervisti kumplessi u/ jew mhux standard relatati mal-ażil (18h)	C	Iwettqu intervista personali tal-ażil ma' tifel/tifla skont il-Metodu ta' Intervistar tal-Ażil
				Iwettqu intervista personali tal-ażil ma' applikant tal-SOGI skont il-Metodu ta' Intervistar tal-Ażil
				Iwettqu intervista personali tal-ażil ma' vittma potenzjali ta' traffikar ta' bnedmin skont il-Metodu ta' Intervistar tal-Ażil
	Ħila biex	Jevalwaw l-evidenza, it-traskrizzjonijiet tal-intervisti u l-informazzjoni speċifika rilevanti dwar il-pajjiż tal-orijini skont ir-rekwiżiti legali għal każijiet ta' ažiil u ta' appell mhux standard jew kumplessi (19h)	C	Jivalutaw l-applikazzjonijiet ippreżentati minn tifel/tifla skont il-metodu strutturat ta' valutazzjoni tal-evidenza tal-EUAA
				Jivalutaw l-applikazzjonijiet ippreżentati minn applikant tal-SOGI skont il-metodu strutturat ta' valutazzjoni tal-evidenza tal-EUAA
				Jivalutaw l-applikazzjonijiet ippreżentati minn vittmi potenzjali ta' traffikar ta' bnedmin skont il-metodu strutturat ta' valutazzjoni tal-evidenza tal-EUAA
	Ħila biex	Jidentifikaw applikanti bi ħtiġijiet speċifiċi u speċjali (23b)	A	Jidentifikaw applikant bi ħtiġijiet speċjali potenzjali

Qasam ta' kompetenza	Tip ta' kompetenza	Standard okkupazzjonali	Kumplessità	Kompitu
Vulnerabbiltà	Għarfien ta'	L-impatt potenzjali tal-vulnerabbiltajiet fuq l-involvement fil-proċess kollu tal-ażil (23d)	B	Japplikaw approċċ li jqis kwistjonijiet ta' ġeneru fil-proċess kollu tal-ażil
				Jidentifikaw vjolenza abbażi ta' ġeneru u ta' SOGI
				Jiżguraw id-drittijiet ta' vittmi potenzjali ta' vjolenza abbażi ta' ġeneru u SOGI
				Jivvalutaw il-vulnerabbiltajiet tat-tfal matul il-proċess kollu tal-ażil
				Jidentifikaw l-impatt u/jew ir-riskji relatati mal-vulnerabbiltajiet tas-superstiti ta' vjolenza fil-proċess kollu tal-ażil.
				Jinterpretaw u japplikaw il-liġi, il-politika u l-proċeduri speċifiċi relatati mat-tfal inkluża l-każistika
				Jidentifikaw, jivvalutaw u jieħdu azzjoni rilevanti fil-kuntest tal-fenomeni tat-Traffikar ta' Bnedmin
	Ħila biex	Jippjanaw u jimplimentaw interventi skont il-vulnerabbiltajiet tal-applikant (23e)	B	Jidentifikaw ħtiġijiet prattiċi li jirriżultaw mit-tfal fil-proċess kollu tal-ażil.
				Jaġixxu b'mod xieraq biex jindirizzaw l-aktar sfidi komuni matul il-kuntatt ma' tifel/tifla
				Jipproċessaw applikazzjoni skont il-Ġeneru u l-SOGI għal protezzjoni internazzjonali
				Jidentifikaw ħtiġijiet prattiċi li jirriżultaw minn superstiti ta' vjolenza fil-proċeduri tal-ażil
				Jidentifikaw u japplikaw il-liġi u l-każistika speċifiċi Internazzjonali, Ewropej u nazzjonali relatati mas-superstiti ta' vjolenza fil-proċeduri tal-ażil.
				Jipproponu pjanijiet għal interventi li jinkludu ħtiġijiet li jirriżultaw minn vulnerabbiltajiet tas-superstiti ta' vjolenza fil-proċeduri tal-ażil
				Jieħdu ħsieb laqgħa ma' vittma potenzjali tat-Traffikar ta' Bnedmin kif xieraq
	Jieħdu responsabbiltà biex	Jiżguraw li l-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-vulnerabbiltajiet tal-applikant jiġu inkorporati fid-deċiżjonijiet u fl-azzjonijiet (23f)	B	Jipprovdu informazzjoni lill-vittma potenzjali ta' vjolenza abbażi ta' ġeneru u SOGI
				Jindirizzaw il-ħtiġijiet speċjali tal-vittma potenzjali ta' vjolenza abbażi ta' ġeneru u SOGI
				Jidentifikaw u jirrelataw mal-partijiet ikkonċernati rilevanti b'rabta mas-superstiti ta' vjolenza involuti fil-proċeduri tal-ażil.
				Jinformaw verbalment jew bil-miktub lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar il-ħtiġijiet, id-drittijiet u l-proċeduri applikabbli għas-superstiti ta' vjolenza f'sitwazzjonijiet differenti.

Qasam ta' kompetenza	Tip ta' kompetenza	Standard okkupazzjonali	Kumplessità	Kompitu
Vulnerabbiltà	Għarfien ta'	L-implikazzjonijiet ta' kwistjonijiet kumplessi fir-rigward tal-vulnerabbiltà fil-proċess kollu tal-ażil (23g)	C	Jidentifikaw l-influenza tal-età tat-tifel/tifla fuq l-intervista personali tal-ażil u fuq il-proċess ta' valutazzjoni tal-evidenza.
				Jidentifikaw l-influenza tal-orjentazzjoni sesswali, tal-identità tal-ġeneru, tas-sistemi tan-normi u tan-nuqqas ta' konformità man-normi (iċ-ċirku tan-normi), fuq l-intervista personali tal-ażil u fuq il-proċess ta' valutazzjoni tal-evidenza.
				Jidentifikaw l-influenza tat-traffikar ta' bnedmin fuq l-intervista personali tal-ażil u fuq il-proċess ta' valutazzjoni tal-evidenza.
Valutazzjoni tal-Evidenza u Teħid ta' deċiżjonijiet	Għarfien ta'	Prattika tajba u xejriet attwali dwar l-applikazzjoni ta' metodi ta' valutazzjoni tal-evidenza relatata mal-ażil (19d)	B	Jidentifikaw fatti materjali f'applikazzjoni għall-ażil permezz tal-metodu strutturat ta' valutazzjoni tal-evidenza tal-EUAA
				Jidentifikaw il-biċċiet rilevanti kollha ta' evidenza għall-fatti materjali kollha fi ħdan applikazzjoni għall-ażil skont il-metodu strutturat ta' valutazzjoni tal-evidenza tal-EUAA
	Ħila biex	Jivvalutaw applikazzjonijiet biex jiddeterminaw jekk l-istatus ta' protezzjoni internazzjonali għandux jingħata, jiġi eskluż jew jintemm, permezz tal-evidenza u tal-informazzjoni rilevanti kollha f'każijiet standard tal-ażil (19e)	B	Japplikaw indikaturi ta' kredibbiltà biex jiddeċiedu jekk jaċċettawx jew jirrifjutawx kull fatt materjali f'applikazzjoni għall-ażil skont il-metodu strutturat ta' valutazzjoni tal-evidenza tal-EUAA
				Jivvalutaw fatturi potenzjali ta' distorsjoni f'applikazzjoni għall-ażil skont il-metodu strutturat ta' valutazzjoni tal-evidenza tal-EUAA
				Japplikaw il-prinċipju tal-benefiċċju tad-dubju fil-valutazzjoni ta' applikazzjoni għall-ażil skont il-metodu strutturat ta' valutazzjoni tal-evidenza tal-EUAA
				Iwettqu valutazzjoni tar-riskju f'applikazzjoni għall-ażil skont il-metodu strutturat ta' valutazzjoni tal-evidenza tal-EUAA
				Japplikaw l-elementi essenzjali tal-klawżoli ta' esklużjoni għall-istatus ta' rifuġjat u ta' protezzjoni sussidjarja
				Japplikaw tipi differenti ta' evidenza u informazzjoni fil-kuntest tal-esklużjoni mill-protezzjoni internazzjonali
				Japplikaw l-oneru u l-istandard tal-prova fil-kuntest tal-esklużjoni
				Jagħżlu l-evidenza u l-informazzjoni li jissodisfaw il-kriterji tal-applikabbiltà u l-istandard tal-prova tal-klawżoli ta' esklużjoni
	Jieħdu responsabbiltà biex	Jiġġustifikaw, bil-fatt u bil-liġi, deċiżjonijiet dwar każijiet standard tal-ażil verbalment u bil-miktub lill-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż l-applikant (19f)	B	Jiġġustifikaw bil-fatt u bil-liġi deċiżjoni bil-miktub dwar l-ażil skont id-dritt tal-Unjoni
				Jiġġustifikaw, fil-fatt u fil-liġi, deċiżjonijiet dwar il-każijiet ta' Dublin verbalment u bil-miktub lill-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż l-applikant
				Jużaw il-mezzi ta' provi u evidenza rilevanti għall-valutazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali

Qasam ta' kompetenza	Tip ta' kompetenza	Standard okkupazzjonali	Kumplessità	Kompitu
Valutazzjoni tal-Evidenza u Teħid ta' deċiżjonijiet	Ħila biex	Jevalwaw l-evidenza, it-traskrizzjonijiet tal-intervisti u l-informazzjoni speċifika rilevanti dwar il-Pajjiż tal-Orìġini skont ir-rekwiżiti legali għal każijiet ta' ażil u ta' appell mhux standard jew kumplessi (19h)	C	Jivvalutaw liema Stat Membru huwa responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, għal każijiet ta' livell għoli ta' kumplessità
				Jevalwaw l-evidenza rilevanti kollha skont ir-rekwiżiti legali għall-każijiet ta' appell ta' Dublin
				Jevalwaw l-applikazzjonijiet ippreżentati minn applikant tifel/tifla skont il-metodu strutturat ta' valutazzjoni tal-evidenza tal-EUAA
				Jevalwaw l-applikazzjonijiet ippreżentati minn applikant SOGI skont il-metodu strutturat ta' valutazzjoni tal-evidenza tal-EUAA
	Jieħdu re-sponsabbiltà biex	Jiġġustifikaw, fil-fatt u fil-liġi, deċiżjonijiet dwar każijiet ta' ażil u ta' appell mhux standard jew kumplessi verbalment u bil-miktub lill-partijiet ikkonċernati kollha inkluż l-applikant (19i)	C	Jevalwaw l-applikazzjonijiet sottomessi mill-vittmi potenzjali tat-traffikar ta' bnedmin skont il-metodu strutturat ta' valutazzjoni tal-evidenza tal-EUAA
				Jiġġustifikaw fil-fatt u fil-liġi deċiżjonijiet dwar każijiet kumplessi ta' Dublin matul l-istadju tal-appell
	Ħila biex	Jiddeterminaw ir-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali (20e)	B	Jivvalutaw liema Stat Membru huwa responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali Jużaw il-mezzi rilevanti ta' provi u evidenza għall-valutazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali



Kif tikkuntattja lill-UE

► *Personalment*

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

► *Bit-telefown jew bil-posta elettronika*

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Kif issib tagħrif dwar l-UE

► *Online*

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

► *Pubblikazzjonijiet tal-UE*

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://op.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

► *Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati*

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

► *Data Miftuħa mill-UE*

Il-portal tad-Data Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-data mill-UE. Id-data tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

